ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 70

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi — Volum 52 — 24 ta' Marzu 2009

Avviż Nru — Werrej — Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Kunsill**


| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|
| 2009/C 70/01 | Opinjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2009 dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Italja 2008-2011 | 1 |
| 2009/C 70/02 | Opinjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2009 dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Litwanja 2008-2011 | 8 |
| 2009/C 70/03 | Abbozz ta' opinjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2009 dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Lussemburgu 2008-2010 | 13 |


II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**


| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|
| 2009/C 70/04 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5427 — Dexia Credit Local/Dexia Kommunalkredit Bank) [1] | 19 |
| 2009/C 70/05 | Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet | 20 |


MT



[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**


2009/C 70/06 Lista ta' ħatriet imwettqin mill-Kunsill — Jannar u Frar 2009 (Qasam soċjali) ..... 22


**Il-Kummissjoni**


2009/C 70/07 Rata tal-kambju ta' l-euro ..... 24


INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI


2009/C 70/08 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna ta' investiment nazzjonali reġjonali ([1]) ..... 25


---

V *Avviżi*

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni**


2009/C 70/09 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ..... 27


---

**Rettifikazzjonijiet**


2009/C 70/10 Rettifika għal-lista ta' ilmijiet minerali naturali rikonoxxuti mill-Istati Membri *(ĠU C 54, 7.3.2009)* 32


MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-KUNSILL

## OPINJONI TAL-KUNSILL

**tal-10 ta' Marzu 2009**

**dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Italja 2008-2011**

(2009/C 70/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPNJONI:

(1) Fl-10 ta' Marzu 2009 l-Kunsill eżamina l-programm aġġornat ta' stabbiltà tal-Italja, li jkopri l-perijodu bejn l-2008 u l-2011.

(2) Billi żiedet mad-dgħufija strutturali antika li fixklet tkabbir sodisfaċenti tal-produttività għal bosta snin, it-tnaqqis globali fir-ritmu ekonomiku qiegħed jolqot l-ekonomija tal-Italja b'mod aħrax, anki jekk s'issa l-livell baxx tad-dejn tas-settur privat Taljan u sistema finanzjarja relattivament soda taw ftit kenn mill-impatt dirett tal-kriżi finanzjarja. Tnaqqis notevoli fit-tkabbir tal-PDG reali fl-Italja kien diġà fis-seħħ fin-nofs tal-2007, ferm qabel ma sserjat il-kriżi tas-suq finanzjarju. Hija nbidlet f'riċessjoni fit-tieni nofs tal-2008, imbuttata minn tnaqqis fid-domanda domestika u fl-esportazzjonijiet. It-treġġigħ tal-kunfidenza tan-negozju u l-konsumatur, l-iżgurar tal-aċċess għall-kreditu, partikolarment għall-SMEs, l-iffaċilitar tal-adattar fis-suq tax-xogħol biex jiġi ttrattat il-qgħad li qed jiżdied u jittejbu l-kondizzjonijiet għat-tkabbir tal-produttività u kompetittività miżjuda tal-ispiża huma sfidi ewelnin għall-perijodu qasir. Fid-dawl tad-dejn għoli ħafna tal-gvern u l-piż assoċjat tal-imgħax, ir-reazzjoni tal-gvern Taljan għal dawn l-isfidi trid bir-reqqa tinżamm f'ekwilibriju mal-ħtieġa li jiġi evitat deterjorament sostanzjali tal-finanzi pubbliċi. Il-qagħda fiskali ppjanata fl-2009 hija fil-biċċa l-kbira newtrali.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p 1. Id-dokumenti msemmija f'dan it-test jinsabu fuq il-website li ġej: http://ec.europa.eu/economy_finance/about/activities/sgp/main_mt.htm

F'dan il-kuntest, il-gvern adotta pjan ta' rilanċ f'Novembru 2008 f'konformità mal Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku (EERP), li jimmira li jappoġġja l-familji u d-ditti b'introjtu baxx, filwaqt li jaċċellera l-investiment pubbliku. Ġew adottati miżuri ulterjuri fi Frar 2009 biex jappoġġjaw id-domanda għal prodotti li jservu fit-tul li huma effiċjenti mil-lat ta' enerġija. Madankollu, jibqa' l-fatt li l-kriżi ekonomika qed titfa' piż kbir fuq il-finanzi pubbliċi Taljani.

(3) Ix-xenarju makroekonomiku li jservi ta' bażi għall-programm jipprevedi li, wara li jaqa' b'0,6 % fl-2008, il-PDG reali għandu jiċkien ulterjorment fl-2009, bi 2 %. It-tkabbir reali tal-PDG mistenni jirkupra moderatament, għal 0,3 %, fl-2010 u aktar deċiżivament, għal 1 %, fl-2011. Dawn il-previżjoniiet makroekonomiċi jieħdu kont il-miżuri ta' rkupru adottati fit-28 ta' Novembru, iżda l-impatt ekonomiku mistenni tagħhom mhuwiex ikkwantifikat. Meta mqabbel mal-informazzjoni disponibbli bħalissa ([1]), li nħarġet wara d-data ta' skadenza għall-projezzjonijiet tal-programm, it-tkabbir ekonomiku jista' jkun saħansitra aktar baxx minn dak ipprojettat fil-programm. Ukoll fid-dawl ta' dan, il-projezzjonijiet fil-programm għall-2009 fir-rigward tal-impjiegi jidhru li huma pjuttost ottimistiċi, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigħat maħduma. B'kuntrast ma' dan, il-projezzjonijiet għalll-inflazzjoni jidhru realistiċi. Il-prospetti ta' inflazzjoni tal-programm u l-moderazzjoni li sservi ta' bażi għat-tkabbir tal-ispiża tax-xogħol għal kull unità ta' prodott fuq firxa medja ta' żmien jimplikaw xi trażżin tat-telf tal-kompetittività li l-Italja ilha tesperjenza mill-aħħar tas-snin disgħin.

(4) It-tbassir proviorju tal-2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni tistima li l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern żdied għal 2,8 % tal-PDG fl-2008, meta mqabbel mal-mira tal-iżbilanċ ta' 2,2 % fl-aġġornament tal-programm ta' Novembru 2007. Ir-riżultat li huwa ogħla milli kif kien mistenni seħħ minkejja effett ta' bażi pożittiva, minħabba li l-iżbilanċ tal-2007 issa ġie rrappurtat bħala 1,6 % tal-PDG meta mqabbel mat-2,4 % mistennija fil-programm preċedenti. Il-pożizzjoni ta' tluq aħjar tal-2007 tpattiet u mhux bi ftit minn żviluppi fl-2008, parzjalment relatati mal-kondizzjonijiet ekonomiċi diffiċli. Barra dan, rati ogħla tal-imgħax involvew spejjeż miżjuda tas-servizz tad-dejn. Waqgħa fit-tkabbir tal-introjtu apparti l-impatt tal-effetti tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku tirrifletti l-implimentazzjoni ta' bosta miżuri diskrezzjonarji, speċifikament: l-adozzjoni ta' dawk li jħaddmu fl-2008 tal-qtugħ tar-rati fiskali fuq il-ħaddiema (għall-ħaddiema b'kuntratti permanenti) previst għall-2007, l-abolizzjoni kompluta tat-taxxa fuq proprjetà residenzjali primarja u d-differiment għall-2009 ta' whud mill-iskadenzi għall-ħlas tat-taxxa adottati mal-pakkett ta' rilanċ ekonomiku fl-aħħar tal-2008. L-iżbilanċ strutturali — jiġifieri, l-iżbilanċ aġġustat ċiklikament nett minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra — huwa stmat li żdied b'0,5 ta' punt perċentwali tal-PDG relattiv mal-2007. Dan jikkompara ma' titjib ta' 0,25 ta' punt perċentwali ppjanat fl-aġġornament ta' Novembru 2007 tal-programm.

(5) Skont il-programm, l-iżbilanċ huwa mmirat li jiżdied minn 2,6 % tal-PDG fl-2008 għal 3,7 % tal-PDG fl-2009, 'il fuq mill-valur ta' referenza ta' 3 %. Dan jikkompara ma' projezzjoni ta' żbilanċ ta' 3,8 % fit-tbassir proviorju tas-servizzi tal-Kummissjoni. It-twessigħ tal-iżbilanċ jirrifletti l-attività tal-istabilizzaturi awtomatiċi, filwaqt li l-politika fiskali ppjanata hija ġeneralment newtrali. B'mod partikolari, it-tkabbir tan-nefqa primarja, għalkemm moderat bi standards storiċi, (3,1 % mil-lat nominali meta mqabbel ma' 4,5 % bħala medja matul il-perijodu 1999-2007), huwa preżunt li jiskorri sewwa t-tkabbir nominali tal-PDG. It-tkabbir tal-introjtu għandu jbatti konsiderevolment, iżda b'inqas mill-bażi tat-taxxa, li jirrifletti wkoll taħlita ta' miżuri diskrezzjonarji ta' darba u permanenti adottati mal-pakketti fiskali ta' rilanċ u ta' tliet snin, kif ukoll żviluppi pożittivi fil-kontributi soċjali. Rati iktar baxxi tal-imgħax għandhom jimbuttaw 'l isfel b'mod marġinali n-nefqa fuq l-imgħax, minkejja dejn ogħla, u b'hekk jagħtu ftit nifs lill-finanzi pubbliċi. B'riżultat ta' dawn l-iżviluppi l-bilanċ strutturali rikalkolat mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni fil-programm għandhom jittejbu bi 0,25 ta' punt perċentwali tal-PDG meta mqabbel mal-2008.

(6) Fir-rigward tal-istrateġija baġitarja li tifrex fuq medda medja ta' żmien, il-programm jikkonferma l-impenn għall-Għan tat-Terminu Medju (MTO) ta' pożizzjoni baġitarja mil-lati strutturali, iżda mhux id-data mmirata tal-2011 għall-kisba tiegħu. Il-kriżi ekonomika timplika dewmien fil-pjan ta' konsolidazzjoni baġitarja li jinsab fil-pakkett fiskali ta' tliet snin approvat fis-sajf tal-2008. Il-garanzija għall-aġġustament ibbazat fuq in-nefqa li ġie ċċarat f'dak il-pakkett hija mtennija, partikolarment permezz tal-konferma ġenerali tal-previżjonijiet li jifirxu fuq medda medja ta' żmien għall-kategoriji ta' nefqa

([1]) Din l-evalwazzjoni tieħu inkunsiderazzjoni b'mod speċjali t-tbassir proviorju tal-2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, iżda wkoll informazzjoni oħra li saret disponibbli minn dak iż-żmien 'il hawn.

individwali u l-miżuri biex jinkiseb. Minkejja dan, għalkemm ippjanata li tkun newtrali għall-baġit, l-implimentazzjoni tal-pakkett ta' rilanċ timplika xi differiment tal-aġġustament ibbażat fuq in-nefqa, minħabba l-aċċelerazzjoni ta' investiment u tal-ħlasijiet ta' darba lill-familji fl-2009. Wara ż-żieda f'daqqa projettata fl-2009, il-proporzjon primarju ta' nefqa mqabbla mal-PDG għandu bil-mod jitreġġa' għal livell simili ta' dak stmat għall-2008 bis-saħħa ta' kondizzjonijiet ekonomiċi mtejba u żidiet annwali mrażżna ħafna ppjanati matul l-2010-2011 (0,8 % bħala medja mil-lat nominali). Il-proporzjon ta' introjtu mqabbel mal-PDG huwa previst li jiżdied bi ftit bejn l-2008 u l-2011. Wara li laħaq quċċata fl-2009, l-iżbilanċ kumplessiv huwa ppjanat li jonqos għal 3,3 % tal-PDG fl-2010 u għal 2,9 % tal-PDG fl-2011. Irkupru previst fin-nefqa fuq l-imgħax mill-2010 jimplika li l-bilanċ primarju huwa ppjanat li jittejjeb b'ritmu aktar mgħaġġel. Il-bilanċ strutturali rikalkolat għandu jkompli jitjieb fl-2010 u l-2011, b'punt perċentwali 1 kumulattiv tal-PDG. Il-konsolidazzjoni fiskali ppjanata matul l-2010-2011 hija mmexxija mir-restrizzjonijiet imnissla mid-dejn għoli ħafna tal-gvern. Wara li żdied għal ftit inqas minn 106 % tal-PDG fl-2008, li jirrifletti wkoll l-akkumulazzjoni prekawzjonarja ta' assi likwidi miżmuma mal-Bank tal-Italja, il-proporzjon ta' dejn gross tal-gvern huwa previst li jkompli jiżdied fl-2009 u l-2010, għal quċċata ta' 112 % tal-PDG, qabel ma jonqos bi ftit għal 111,6 % fl-2011. Il-kawżi ewlenin ta' dawn l-iżviluppi huma l-eċċessi primarji baxxi ppjanati u t-tkabbir nominali mrażżan tal-PDG. L-aġġustament ta' stock/flussi previst fil-programm huwa relattivament żgħir iżda ma jinkorporax l-implimentazzjoni possibbli tal-iskema tar-rikapitalizzazzjoni tal-bank adottata mal-pakkett ta' rilanċ, u s'issa għadha ma ġietx użata.

(7) Ir-riżultati tal-iżbilanċ jistgħu jkunu ogħla milli previsti fil-programm matul il-perijodu kopert. L-ewwelnett, it-tkabbir ekonomiku jista' jkun iktar baxx. It-tieni, iż-żieda mrażżna fin-nefqa primarja ppjanata matul l-2010-2011 tirrikjedi implimentazzjoni stretta, fil-livelli kollha tal-gvern, tal-aġġustament ibbażat fuq in-nefqa li jservi ta' bażi għall-pakkett ta' tliet snin adottat fis-sajf tal-2008. It-tielet, il-projezzjonijiet tal-programm għall-kontributi soċjali, notevolment għall-2009, ma jistgħux jimmaterjalizzaw, anki fid-dawl tas-suppożizzjonijiet pjuttost favorevoli għat-tkabbir tal-impjieg. Fl-aħħar, minkejja li huwa ppjanat li jkun kompletament finanzjat, il-pakkett ta' rilanċ adottat f'Novembru 2008 u l-inċentivi fiskali ġodda għax-xiri ta' prodotti li jservu fit-tul adottati fi Frar 2009 (mhux inkorporati fil-programm) jistgħu jaffettwaw ir-riżultat baġitarju tal-2009. Għall-istess raġunijiet, l-evoluzzjoni tal-proporzjon tad-dejn mill-2009 'l quddiem tista' tkun inqas favorevoli milli previst fil-programm. Il-proporzjon tad-dejn gross jista' wkoll ikun affettwat minn introduzzjonijiet kapitali possibbli fis-settur tal-banek.

(8) L-impatt baġitarju fuq perijodu twil tat-tixjiħ fl-Italja huwa inqas mill-medja tal-UE, bin-nefqa tal-pensjonijiet turi żieda iktar limitata milli bħala medja fl-UE bis-saħħa tar-riformi adottati tal-pensjonijiet. Minkejja dan, in-nefqa fuq il-pensjonijiet bħala proporzjon tal-PDG tibqa' fost l-ogħla fl-UE u l-projezzjonijiet jiddependu mis-suppożizzjoni li r-riformi adottati jiġu kompletament implimentati, b'mod partikolari li l-koeffiċjenti attwarjali riveduti, li huma kompletament konsistenti mal-prinċipju kontributorju li jservi ta' bażi għas-sistema riformata tal-pensjonijiet, ikunu applikati sa mill-2010. Miżuri addizzjonali jistgħu jitqiesu, notevolment għal żieda ulterjuri fl-età tal-irtirar, partikolarment għan-nisa. Dan għandu jippermetti r-riallokazzjoni ta' nefqa soċjali biex jittieħdu passi lejn sistema aktar komprensiva u uniformi tal-benefiċċji li tiżgura inċentivi adattati tax-xogħol u politiki effettivi ta' attivazzjoni. Il-pożizzjoni baġitarja fl-2008 kif stmata fil-programm, li hija agħar mill-pożizzjoni ta' tluq tal-programm ta' qabel, għandha tkun biżżejjed biex tistabbilizza l-proporzjon attwali tad-dejn iżda ma tikkontribwixxix biex tpatti għall-impatt baġitarju tat-tixjiħ previst fuq medda twila ta' żmien. Barra minn hekk, il-livell attwali tad-dejn gross huwa ferm ogħla mill-valur ta' referenza tat-Trattat. Il-kisba u l-preservazzjoni tal-eċċessi primarji għolja matul il-medda ta' żmien medja għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-riskji medji għas-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi.

(9) Sar progress sinifikanti f'dawn l-aħħar snin biex jittejjeb il-qafas fiskali, prekondizzjoni ewlenija għal strateġija kredibbli ta' aġġustament ibbażat fuq in-nefqa mifruxa fuq medda ta' żmien medja u sostnuta minn effettività tal-ispiża msaħħa u minn effiċjenza tan-nefqa pubblika. Il-pakkett fiskali ta' tliet snin adottat fis-sajf tal-2008 isaħħaħ il-qafas fiskali mifrux fuq medda ta' żmien medja billi jiċċara limiti dettaljati annwali għal kull nefqa individwali ta' oġġett u jappoġġahom b'miżuri estensivi. Bosta inizjattivi oħra ġew introdotti biex itejbu l-istituzzjonijiet baġitarji. L-istruttura tal-baġit tal-istati ġiet razzjonalizzata bl-introduzzjoni ta' klassifika bbażata fuq programm li tippermetti allokazzjoni aqwa tar-riżorsi f'konformità mal-objettivi politiċi tal-gvern. Il-ministeri għandhom aktar flessibbiltà biex iwettqu riallokazzjonijiet fir-riżorsi bejn programmi ta' infiq skont il-prijoritajiet. Eżerċizzju pilota tar-reviżjoni tan-nefqa twettaq f'ħames ministeri biex tiġi vvalutata l-effettività tal-ispiża tan-nefqa

pubblika u issa hemm l-intenzjoni li dan isir parti integrali tal-proċess baġitarju. Issaħħew il-mekkaniżmi ta' infurzar tal-Patt ta' Stabilità Domestika, li jamministra r-relazzjonijiet fiskali bejn il-livelli differenti tal-gvern. Fl-aħħar, qed jittieħdu passi importanti biex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-ispiża tal-amministrazzjoni pubblika, inter alia billi ssir promozzjoni ta' użu aktar razzjonali tar-riżorsi disponibbli u sistema aqwa tal-ippremjar tal-mertu. Għall-ġejjieni, sfida ewlenija għall-governanza fiskali hija t-tfassil ta' qafas ġdid għall-federaliżmu fiskali li jiżgura r-responsabilità tal-gvernijiet lokali u jrawwem l-effiċjenza.

(10) Fl-aħħar tal-2008, b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja globali, l-awtoritajiet Taljani adottaw serje ta' miżuri mmirati biex jipproteġu lil min ifaddal u biex jippreservaw livelli adegwati ta' likwidità bankarja u ta' kapitalizzazzjoni. Dawn jippermettu lill-gvern, sal-aħħar tal-2009, li jintroduċi kapital fil-banek f'sitwazzjonijiet ta' inadegwatezza tal-kapital u li jiggarantixxi l-impenji sa massimu ta' ħames snin. Barra minn dan, ġiet offruta garanzija statali supplementari għad-depożiti fil-banek kummerċjali, li jsaħħu b'mod ulterjuri l-livell relattivament diġà għoli ta' protezzjoni offrut mill-iskema interbankarja tal-assikurazzjoni tad-depożiti (li jagħti kopertura għal ftit aktar minn EUR 100 000).

Fl-aħħar, bl-għan li jsaħħaħ il-kapaċità ġenerali tas-sistema għal finanzjament ta' attività ekonomika, il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi ngħatalu l-permess li jagħti garanzija għall-istrumenti finanzjarji maħruġa minn banek sodi u elenkati li għandhom jikkwalifikaw bħala kapital regolatorju. L-intervent pubbliku, stmat fil-programm fil-livell ta' EUR 10 biljun (madwar 0,7 % tal-PDG), huwa maħsub li jkun temporanju u l-banek li jagħmlu użu minnu jridu jintrabtu li jagħtu self lill-familji u l-SMEs fuq termini u kondizzjonijiet xierqa.

(11) Fi ħdan pożizzjoni fiskali ġeneralment newtrali, il-gvern ħa miżuri biex jappoġġa l-ekonomija, f'konformità mal-EERP, li jammontaw għal madwar 0,4 % tal-PDG fl-2009 u 0,2 % fl-2010. L-impatt baġitarju ta' dawn il-miżuri, skont l-istimi uffiċjali, jitpatta kompletament mill-introjti ta' darba u minn xi żidiet permanenti tat-taxxa, li fil-biċċa l-kbira joriġinaw mill-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Miżuri li jappoġġjaw l-introjtu disponibbli tal-familji u jreġġgħu l-kunfidenza tal-konsumatur inkluż it-trasferiment ta' darba ta' kontanti lill-unitajiet familjali b'introjtu baxx, estensjonijiet ta' benefiċċji tal-qgħad lil ħaddiema atipiċi u l-iffriżar ta' tariffi ta' whud mis-servizzi pubbliċi. Appoġġ lil kumpanniji jingħata fil-biċċa l-kbira fil-forma ta' differiment ta' skadenzi ta' żmien għal ħlas tat-taxxa u tnaqqis tal-piż tat-taxxa fuq id-dħul korporattiv. L-eżenzjon mit-taxxa fuq pagi relatati mal-prestazzjoni tipprova trawwem il-produttività filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol. Fl-aħħar, il-gvern qed jipprova jagħmel riallokazzjoni tal-fondi disponibbli tal-UE jew dawk nazzjonali biex jaċċellera l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-infrastruttura ta' prijorità. Il-miżuri huma mmirati u f'waqthom, bil-kondizzjoni li l-aċċellerazzjoni ppjanata tal-investiment pubbliku tinkiseb, u l-biċċa l-kbira tagħhom huma ta' natura temporanja. Għalhekk, ir-riversibilità tagħhom hija żgurata, għalkemm mhux kompletament. Il-pakkett huwa reazzjoni adegwata għall-kriżi ekonomika fid-dawl tal-proporzjon għoli ħafna tad-dejn. F'dan il-kuntest, u fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi indirizzata l-isfida tal-produttività u tittejjeb il-pożizzjoni kompetittiva esterna, ir-riformi strutturali, inkluż it-tisħiħ tal-qafas għall-kompetizzjoni, huma partikolarment rilevanti għall-Italja. Għadd ta' miżuri strutturali mħabbra, jekk ikunu diġà operazzjonali fl-2009, jistgħu jappoġġjaw b'mod ulterjuri r-rilanċ u jtejbu r-reżiljenza tal-ekonomija. Dawn jinkludu inizjattivi għat-trawwim tal-innovazzjoni industrijali, il-promozzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tal-iffrankar tal-enerġija u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv. Passi riċenti mill-imsieħba soċjali biex jimmodifikaw il-qafas ta' negozjar, appoġġjati mill-inizjattivi fiskali msemmija qabel fuq pagi relatati mal-prestazzjoni, jistgħu jwasslu għall-konfigurazzjoni aqwa tal-iżviluppi tal-paga u l-produttività. Dawn il-miżuri huma relatati mal-aġenda ta' riforma li tifrex fuq medda ta' żmien medja u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi proposti mill-Kummissjoni fit-28 ta' Jannar 2009 skont l-Istrateġija ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi.

(12) Wara li żdied b'mod ulterjuri fl-2009, l-iżbilanċ huwa projettat li jiċkien gradwalment matul il-perijodu tal-programm. Minkejja dan, tnaqqis tal-iżbilanċ kumplessiv taħt it-3 % tal-PDG sal-2011, kif imbassar fil-programm, ser jirrikjedi impenn qawwi fid-dixxiplina fiskali u li l-Italja tkun lesta li tadotta miżuri addizzjonali jekk ikun meħtieġ. Il-proporzjon tad-dejn ser ikun qed jiżdied matul il-perijodu tal-programm, u jmur iktar 'il bogħod mill-valur ta' referenza.

(13) Fir-rigward tar-rekwiżiti tad-dajta speċifikati fil-kodiċi ta' kondotta għall-programmi ta' stabilità u ta' konverġenza, il-programm jagħti d-dejta obbligatorja kollha u l-biċċa l-kbira tad-dejta mhux obbligatorja ([1]).

Il-konklużjoni globali hija li l-politika fiskali u l-pakkett ta' rilanċ ekonomiku għall-2009 huma konformi mal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku (EERP) u jista' jitqies bħala adegwat fid-dawl tal-proporzjon għoli ħafna tad-dejn. B'riflessjoni tal-kriżi ekonomika qawwija assoċjata mal-kriżi finanzjarja, l-iżbilanċ kumplessiv mistenni jiżdied b'mod sinifikanti fl-2009 għal aktar mit-3 % tal-valur ta' referenza tal-PDG. Fl-2010 u l-2011, il-programm jipprevedi aġġustament ibbażat fuq in-nefqa, li għandu jbaxxi l-iżbilanċ għal ftit inqas minn 3 % tal-PDG fl-2011. Minkejja dan, il-kisba tal-miri ta' iżbilanċ matul il-perijodu tal-programm tista' tixxekkel minħabba li t-tkabbir ekonomiku jista' jkun saħansitra inqas milli ppjanat. Barra hekk, illaxkar potenzjali fl-implimentazzjoni tat-trażżin ippjanat fin-nefqa primarja jista' jimmaterjalizza, għalkemm il-qafas fiskali mtejjeb isaħħaħ il-kondizzjonijiet għad-dixxiplina fiskali u l-effiċjenza fl-infiq. Il-proporzjon tad-dejn mistenni jiżdied minn 104,1 % tal-PDG fl-2007 għal aktar minn 111 % tal-PDG sal-aħħar tal-perijodu tal-programm. Il-proporzjon tad-dejn gross jista' jiżdied aktar ukoll bħala riżultat tal-injezzjonijiet ta' kapital possibbli fis-settur tal-banek. Fl-aħħar, dgħufijiet strutturali importanti għadhom qed ifixklu t-tkabbir sostnut tal-produttività fl-Italja u jtellfu l-pożizzjoni kompetittiva esterna tagħha, filwaqt li l-kompożizzjoni attwali ta' nfiq soċjali mhijiex ta' appoġġ għall-aġġustament fis-suq tax-xogħol.

Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, l-Italja qiegħda tiġi mistiedna biex:

(i) timplimenta l-politika fiskali ppjanata għall-2009 u twettaq b'mod determinat it-triq ta' aġġustament ippjanat matul il-perijodu tal-programm biex tiddirieġi l-proporzjon għoli ħafna ta' dejn f'rotta ta' tnaqqis kontinwu u tiżgura s-sostenibilità finanzjarja fit-tul tal-finanzi pubbliċi;

(ii) tkompli l-progress li sar biex tittejjeb l-amministrazzjoni fiskali u l-ħidma fuq qafas ġdid għall-federaliżmu fiskali li jiżgura r-responsabbiltà tal-gvernijiet lokali u jenfasizza d-dixxiplina fiskali;

(iii) issegwi sforzi biex ittejjeb il-kwalità tal-finanzi pubbliċi billi tiffoka fuq l-effiċjenza u l-kompożizzjoni tal-infiq, ukoll billi tagħmel riallokazzjoni tan-nefqa soċjali biex toħloq spazju għal sistema ta' benefiċċji tal-qgħad aktar komprensiva u effettiva li tiżgura inċentivi xierqa għax-xogħol u politiki effettivi ta' attivazzjoni, mingħajr ma tikkomprometti l-proċess fiskali ta' konsolidazzjoni.

**Tqabbil ta' projezzjonijiet ewlenin makroekonomiċi u baġitarji**

| | | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| PDG reali (bidla f' %) | PS Frar 2009 | 1,5 | – 0,6 | – 2,0 | 0,3 | 1,0 |
| | COM Jan 2009 | 1,5 | – 0,6 | – 2,0 | 0,3 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *1,9* | *1,5* | *1,6* | *1,7* | *1,8* |
| Inflazzjoni tal-IPAK (%) | PS Frar 2009 | 2,0 | 3,5 | 1,2 | 1,7 | 2,0 |
| | COM Jan 2009 | 2,0 | 3,5 | 1,2 | 2,2 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *1,9* | *2,0* | *2,0* | *1,8* | *1,9* |

([1]) Lakuni fid-dejta mhux obbligatorja jinkludu n-nefqa skont l-iskop u xi dettalji dwar it-tqassim tal-iżviluppi tad-dejn tal-gvern ġenerali.

| | | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Distakk bejn il-produzzjoni effettiv u dak potenzjali (1)<br>(% tal-PDG potenzjali) | PS Frar 2009 | 1,7 | 0,3 | − 2,3 | − 2,7 | − 2,5 |
| | COM Jan 2009 (2) | 1,8 | 0,3 | − 2,3 | − 2,7 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *− 0,6* | *− 0,6* | *− 0,6* | *− 0,6* | *− 0,6* |
| Self mogħti/mehud nett meta mqabbel mal-bqija tad-dinja<br>(% tal-PDG) | PS Frar 2009 | − 1,6 | − 1,6 | − 1,3 | − 1,1 | − 0,9 |
| | COM Jan 2009 | − 1,6 | − 2,2 | − 1,3 | − 1,5 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *− 1,3* | *− 0,8* | *− 0,6* | *− 0,4* | *− 0,2* |
| Introjtu ġenerali tal-Gvern<br>(% tal-PDG) | PS Frar 2009 | 46,6 | 46,4 | 46,8 | 46,8 | 46,6 |
| | COM Jan 2009 | 46,6 | 46,4 | 46,5 | 46,5 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *46,2* | *46,3* | *45,9* | *45,8* | *45,7* |
| Nefqa ġenerali tal-Gvern<br>(% tal-PDG) | PS Frar 2009 | 48,2 | 49,0 | 50,5 | 50,0 | 49,5 |
| | COM Jan 2009 | 48,2 | 49,2 | 50,3 | 50,2 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *48,6* | *48,5* | *47,9* | *47,3* | *47,0* |
| Bilanċ ġenerali tal-gvern<br>(% tal-PDG) | PS Frar 2009 | − 1,6 | − 2,6 | − 3,7 | − 3,3 | − 2,9 |
| | COM Jan 2009 | − 1,6 | − 2,8 | − 3,8 | − 3,7 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *− 2,4* | *− 2,2* | *− 1,5* | *− 0,7* | *0,0* |
| Bilanċ primarju<br>(% tal-PDG) | PS Frar 2009 | 3,4 | 2,5 | 1,3 | 1,9 | 2,6 |
| | COM Jan 2009 | 3,4 | 2,3 | 1,0 | 1,2 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *2,5* | *2,6* | *3,4* | *4,2* | *4,9* |
| Bilanċ aġġustat ċiklikament (1)<br>(% tal-PDG) | PS Frar 2009 | − 2,4 | − 2,7 | − 2,6 | − 1,9 | − 1,6 |
| | COM Jan 2009 | − 2,5 | − 2,9 | − 2,7 | − 2,4 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *− 2,0* | *− 1,9* | *− 1,2* | *− 0,4* | *0,2* |
| Il-bilanċ strutturali (3)<br>(% tal-PDG) | PS Frar 2009 | − 2,5 | − 2,9 | − 2,7 | − 2,0 | − 1,7 |
| | COM Jan 2009 | − 2,6 | − 3,1 | − 2,8 | − 2,5 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *− 2,2* | *− 2,0* | *− 1,3* | *− 0,5* | *0,2* |

| | | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dejn gross tal-gvern (% tal-PDG) | PS Frar 2009 | 104,1 | 105,9 | 110,5 | 112,0 | 111,6 |
| | COM Jan 2009 | 104,1 | 105,7 | 109,3 | 110,3 | m.d. |
| | *PS Nov 2007* | *105,0* | *103,5* | *101,5* | *98,5* | *95,1* |

*Noti:*

(1) Distakk bejn il-produzzjoni effettiva u dik potenzjali u bilanċi aġġustati ċiklikament skont il-programmi kif ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tat-tagħrif fil-programmi.

(2) Ibbażat fuq it-tkabbir potenzjali stmat ta' 1,1 %, 0,9 %, 0,6 % u 0,7 % rispettivament fil-perijodu 2007-2010.

(3) Bilanċ aġġustat ċiklikament u jeskludi miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħrajn, Miżuri ta' darba jew mizuri oħrajn temporanji huma 0,1 % tal-PDG fl-2007, 0,2 % fl-2008 u 0,1 % 2009-2011; kollha jnaqqqsu l-iżbilanċ skont l-aktar programm riċenti tal-previżjoni interim ta' Jannar tas-servizzi tal-Kummissjoni

*Sors:*

*Il-Programm ta' Stabilità (PS); It-tbassir proviżorju tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' Jannar 2009 (COM); Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.*

# OPINJONI TAL-KUNSILL

## tal-10 ta' Marzu 2009

## dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Litwanja 2008-2011

(2009/C 70/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

(1) Fl-10 ta' Marzu 2009 l-Kunsill eżamina l-programm ta' konverġenza aġġornat tal-Litwanja, li jkopri l-perijodu bejn l-2008 u l-2011.

(2) L-ekonomija tal-Litwanja bdiet tnaqqas b'pass mgħaġġel fl-2008 wara perijodu sostnut favorevoli ħafna ffukat lejn tkabbir ta' talba interna li bdiet fl-2003. Fil-kuntest tal-qafas tal-bord tal-valuta, il-kundizzjonijiet monetarji u ta' kreditu saru aktar stretti fl-2008 fost perċezzjonijiet ogħla ta' riskju fil-pajjiż u apprezzament issoktat tar-rata reali u effettiva ta' kambju. Il-perijodu ta' tkabbir qawwi ta' dan l-aħħar ħoloq pressjonijiet minħabba rata mgħaġġla ta' produzzjoni: l-iżbilanċi makro-ekonomiċi żdiedu, kemm bl-inflazzjoni kif ukoll bl-iżbilanċ estern li laħqu l-quċċata fl-ewwel nofs tal-2008. Iż-żieda fil-pagi qabżet iż-żieda fil-produttività b'mod sostanzjali u b'hekk il-pajjiż tilef mill-kompetittività tiegħu. Il-politika fiskali kienet waħda ta' espansjoni matul il-perijodu favorevoli kollu u ma ġewx akkumulati riżervi bi tħejjija għall-kundizzjonijiet ċikliċi li jinbidlu. L-iżbilanċi esterni kbar tal-Litwanja wessgħu l-vulnerabbiltà tagħha fid-dawl ta' kundizzjonijiet globali ta' kreditu aktar stretti u anqas tkabbir fis-swieq ta' esportazzjoni. Il-kriżi finanzjarja globali u t-talba esterna dgħajfa mistennija jżidu n-nuqqas attwali fit-talba interna u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-ekonomija. L-isfida immedjata tal-politika ekonomika għal-Litwanja hija li tamministra tajjeb il-kriżi ekonomika biex iżżomm l-istabbiltà makro-ekonomika. Minħabba l-ħtieġa li jitranġaw l-iżbilanċi għoljin tal-pajjiż, l-awtoritajiet adottaw f'Diċembru 2008 pakkett fiskali ta' awsterità biex jiffaċilitaw il-proċess ta' aġġustament u jgħinu jżommu l-fiduċja fis-suq. Dan għandu wkoll jillimita li jmorru aktar għall-agħar l-iżbilanċi pubbliċi matul il-kriżi ekonomika.

(3) Ix-xenarju makro-ekonomiku fl-isfond tal-programm stima li l-PDG reali żdied bi 3,5 % fl-2008. Huwa jipprojetta kontrazzjoni qawwija b'4,8 % fl-2009 u aktar tnaqqis żgħir b'0,2 % fl-2010, qabel irkupru lejn tkabbir ta' 4,5 % fl-2011. Imqabbel mal-informazzjoni disponibbli bħalissa ([2]), dan ix-xenarju huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet ta' tkabbir plawsibbli sal-2009 u fuq suppożizzjonijiet ta' tkabbir favorevoli sal-2009 iżda b'mod sinifikanti minn hemm 'il quddiem. Is-suppożizzjonijiet ta' tkabbir jidhru ottimisti mill-2010 meta jitqies li t-tiħżin tal-prospetti ta' tkabbir fil-pajjiżi fi sħubija kummerċjali u d-domanda interna fil-Litwanja minħabba kreditu ristrett x'aktarx li jkunu aktar evidenti u fit-tul milli wieħed assuma fil-programm. L-istima tat-tkabbir potenzjali fl-2011 hija xi ftit għolja wisq. Il-projezzjoni tal-programm għall-inflazzjoni hija realistika għall-2009 filwaqt li tista' tkun xi ftit baxxa għall-2010, l-aktar minħabba l-impatt fuq il-prezzijiet tal-enerġija minħabba l-għeluq tal-impjant nukleari ta' Ignalina skedat sa tmiem l-2009. Imqabbel mat-tbassir interim tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' Jannar 2009, il-programm jagħti stima ta' korrezzjoni aktar mgħaġġla tal-iżbilanċi esterni fl-2009 u dan ġej minn kontrazzjoni aktar ħarxa tad-domanda interna u mill-iżviluppi aktar favorevoli fis-swieq ta' esportazzjoni mbassra fil-programm ta' konverġenza.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p 1. Id-dokumenti msemmija f'dan it-test jinsabu fuq il-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/about/activities/sgp/main_en.htm

[2] L-evalwazzjoni tqis notevolment il-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' Jannar 2009, iżda wkoll tagħrif ieħor li laħaq sar disponibbli minn dakinhar

(4) Għall-2008, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern huwa stmat li jkun 2,9 % tal-PDG fit-tbassir interim tas-servizzi tal-Kummissjoni, imqabbla ma' mira ta' żbilanċ ta' 0,5 % tal-PDG iffissata fl-aġġornament preċedenti tal-programm ta' konverġenza. Dan ir-riżultat finali agħar milli mistenni b'mod sinifikanti jirrifletti l-aktar infiq konsiderevoli eċċessiv f'pagi tas-settur pubbliku u trasferimenti soċjali għall-familji u l-pensjonanti wara deċiżjonijiet politiċi adottati matul is-sena u għalhekk mhux inklużi fil-baġit tal-2008 u sa ċertu punt dħul iktar baxx ta' taxxa milli fil-bidu kien stmat mill-awtoritajiet, b'mod partikolari minħabba tnaqqis f'daqqa ta' attività ekonomika lejn tmiem is-sena. L-infiq ta' investiment u l-assorbiment ta' fondi tal-UE kienu iktar baxxi milli kien ippjanat.

(5) Il-gvern il-ġdid li l-mandat tiegħu beda fid-9 ta' Diċembru 2008 adotta programm ta' tnaqqis fiskali sinifikanti. Bi qbil ma' dan, il-baġit tal-2009 adottat mill-Parlament fit-22 ta' Diċembru 2008 jinkludi pakkett ta' konsolidament fiskali mmirat lejn ir-restawrazzjoni tal-fiduċja fis-suq u l-limitazzjoni tal-ħtiġijiet finanzjarji tal-gvern. Il-konsolidament fiskali huwa bbażat fuq riforma komprensiva tat-taxxi u tnaqqis sostanzjali fl-infiq baġitarju, u t-tnejn li huma mistennija jikkontribwixxu bl-istess mod fil-konsolidament fiskali. Il-baġit jimmira lejn żbilanċ ġenerali tal-gvern ta' 2,1 % tal-PDG li fin-nuqqas tal-miżuri ta' konsolidament kien ikun sostanzjalment ogħla. It-tibdil fit-taxxa għandu l-għan li jaqleb il-piż tat-taxxi minn taxxi diretti għal dawk indiretti u mix-xogħol għall-kapital u biex iwessa' l-bażi fiskali billi jitneħħew l-eżenzjonijiet. Il-miżuri ewlenin ta' dħul jinkludu żieda ta' punt 1 perċentwali f'VAT u sisa, tnaqqis ta' 3 punti perċentwali fir-rata tat-taxxa fuq id-dħul personali bl-eliġibilità ristretta għal-limitu minimu ħieles mit-taxxa tal-bidu u żieda ta' 5 punti perċentwali fir-rata tat-taxxa tad-dħul tal-kumpaniji kif ukoll it-tneħħija tal-biċċa l-kbira tal-eżenzjonijiet tal-VAT u tat-taxxa fuq id-dħul personali u t-twessiegħ tal-bażi fiskali, b'mod partikolari bl-inklużjoni ta' aktar persuni fis-sistema tas-sigurtà soċjali.

L-effett nett stmat ta' dan it-tibdil fiskali skont il-programm huwa madwar 1,8 % tal-PDG. Il-baġit għandu jkollu pjanijiet għal tnaqqis sinifikanti fl-infiq, stmat għal madwar 2 % tal-PDG, inklużi l-pagi tas-settur pubbliku, infiq kurrenti ieħor u investiment ippjanat. Iżda, xi miżuri ta' bażi tal-baġit ġew miċħuda mill-parlament jew fis-sħiħ jew parzjalment u għalhekk jeħtieġ li jiġu sostitwiti b'miżuri ġodda. Il-pożizzjoni fiskali ġenerali fl-2009, kif imkejla bit-tnaqqis ta' 3 % tal-PDG fil-bilanċ strutturali (miżuri aġġustati b'mod ċikliku netti ta' darba u miżuri oħra temporanji) hija stmata bħala waħda restrittiva b'mod qawwi ([1]).

(6) L-għan ewlieni tal-istrateġija baġitarja fuq medda medja ta' żmien fil-programm huwa li jinkiseb l-MTO ta' żbilanċ stutturali ġenerali tal-gvern ta' 1 % tal-PDG sal-2010, u li jintlaħaq baġit nominali bbilanċjat aktar 'il quddiem fis-snin. L-iżbilanċ nominali ġenerali tal-gvern huwa mistenni li jonqos għal 1.0 % tal-PDG fl-2010 u li jkun f'bilanċ fl-2011. L-aġġustament huwa mbassar li jinkiseb b'żieda sostanzjali fil-proporzjon bejn id-dħul f'taxxi u l-PDG u tnaqqis modest fil-proporzjoni ta' nfiq. Il-gvern beda reviżjoni aktar fid-dettall tal-infiq kurrenti, inkluż l-impjieg fis-settur pubbliku, li jista' jwassal biex jiġi propost aktar iffrankar fuq l-infiq fis-snin li ġejjin. Aktar tkabbir tad-dħul jista' jiġi spjegat l-aktar bit-tibdil fiskali introdott fil-baġit tal-2009. Iżda, il-programm jagħraf b'mod espliċitu li l-ksib tal-miri baġitarji ppreżentati fil-programm jeħtieġ miżuri addizzjonali ta' madwar 0,5 % tal-PDG fl-2010 u madwar 1,5 % tal-PDG fl-2011.

(7) Ir-riżultati baġitarji huma soġġetti għal bosta riskji negattivi. Dan jikkonċerna s-snin kollha tal-programm: fl-2009 r-riskju ewlieni huwa li d-dħul jista' jkun ħafna iktar baxx milli stmat fil-programm, l-aktar marbut mar-riskju li miżuri diskrezzjonarji ta' żieda fid-dħul fiskali, partikolarment żidiet fit-taxxa indiretta, ma jwasslux għal dħul fiskali ogħla sal-punt ippjanat fil-programm, u li mhux it-tnaqqis kollu propost fl-infiq, speċjalment fuq sussidji u kumpensi lill-impjegati fis-settur pubbliku, jista' jkun implimentat; fl-2010 u l-2011 r-riskju mill-konsolidament fiskali stmat huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet ta' tkabbir favorevoli ħafna u jitlob miżuri addizzjonali bħala sostenn tal-miri baġitarji.

([1]) Il-konsolidment strutturali projettat fil-programm ta' madwar 4 punti perċentwali tal-PDG hija daqs il-valur nominali tal-pakkett ta' konsolidament. Madankollu, huwa differenti mill-bilanċ strutturali kif ikkalkolat mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-programm, prinċipalment minħabba stimi differenti tat-tkabbir potenzjali u tad-distakk bejn dan u t-tkabbir ekonomiku.

(8) L-impatt baġitarju tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fil-perijodu fit-tul huwa iktar baxx mill-medja tal-UE, minħabba li r-riforma tal-pensjoni hija diġà fis-seħħ. Madankollu, il-pożizzjoni baġitarja fl-2008, kif stmata fil-programm, marret għall-agħar b'mod konsiderevoli meta mqabbla mall-pożizzjoni tal-bidu tal-programm preċedenti u żżid l-impatt baġitarju tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fuq id-diverġenza tas-sostenibbiltà. Il-ksib ta' bilanċi primarji favorevoli fil-perijodu medju, kif imbassar fil-programm, jikkontribwixxi biex jonqsu r-riskji medji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

(9) Il-qafas baġitarju tal-Litwanja fil-perijodu medju ma rnexxilux iwaqqaf infiq eċċessiv f'dawn l-aħħar snin. It-tkabbir tad-dħul fiskali b'suċċess iffaċilita reviżjonijiet 'il fuq ripetuti ta' miri ta' nfiq u ċ-ċiklu elettorali poġġa pressjoni addizzjonali fuq il-qafas kif deher mid-deterjorment riċenti tal-iżbilanċ nominali. Bil-ħsieb li jissaħħaħ il-qafas, ġiet adottata Liġi dwar id-Dixxiplina Fiskali f'Novembru 2007, li tinkludi, b'mod partikolari, regola dwar l-infiq. Iżda, il-liġi ffukat fuq it-tħejjija u t-twettiq tal-baġit annwali u proprjament ma daħħlitx aktar mill-elementi meħtieġa li jħarsu 'l quddiem fil-perijodu medju. Għalhekk, il-qafas kurrenti huwa kemmxejn dgħajjef fir-rigward ta' pjanar u kontroll ta' finanzi pubbliċi fil-perijodu medju. Hemm wisa' għat-titjib tal-ippjanar u għat-tisħiħ tan-natura vinkolanti tal-limiti massimi ta' nfiq fil-perijodu medju, u dan jikkontribwixxi għall-kontroll tat-tkabbir tal-infiq. Barra minn hekk il-qafas jeħtieġ jiżgura konsolidament fiskali fi żminijiet ekonomiċi tajba billi jipprevjeni dħul addizzjonali li jimplika nfiq ta' natura ogħla. It-trasparenza tal-proċess baġitarju kollu inkluż ir-rappurtar xieraq tat-twettiq ta' dħul u nfiq jibqa' dgħajjef ukoll, inkluż dak li għandu x'jaqsam mal-komparabbiltà tal-indikaturi baġitarji dwar il-bażijiet tal-kassa u tad-dovuti.

(10) Bil-ħsieb li jistabbilizzaw is-settur finanzjarju, l-awtoritajiet Litwani żiedu l-garanzija għall-assikurazzjoni tad-depożitu mill-ekwivalenti ta' EUR 22 000 għal EUR 100 000 f'Ottubru 2008 u l-proporzjon tal-garanzija tad-depożitu għal 100 %. Il-programm jirrikonoxxi r-riskju possibbli marbut mal-garanziji ta' depożitu, fejn l-ammont totali ggarantit fi tmiem l-2008 kien madwar 30 % tal-PDG.

(11) F'konformità mal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku tal-Kummissjoni li dwaru ntlaħaq ftehim f'Diċembru mill-Kunsill Ewropew, il-Litwanja, li qed taffronta żbilanċi sinifikanti esterni u interni, adottat politika baġitarja li għandha l-għan li tikkoreġi dawn l-iżbilanċi. B'kont meħud tal-ħtieġa ta' korrezzjoni tal-iżbilanċi ekonomiċi u d-diffikultà ta' ksib ta' finanzjament ġdid b'kundizzjonijiet aċċettabbli minħabba l-istmerrija tar-riskju tas-suq, il-pożizzjoni fiskali restrittiva ppjanata mill-2009 sal-2011 hija tweġiba xierqa għas-sitwazzjoni makro-ekonomika u baġitarja. Saret riforma fiskali komprensiva u ttieħdu miżuri ta' ffrankar ta' nfiq fuq medda wiesgħa, inkluż tnaqqis fil-pagi pubbliċi fl-2009. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Litwani qed jippjanaw li jadottaw pakkett komprensiv ta' miżuri bl-għan li jagħtu appoġġ lill-kummerċ bit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, titjib tal-aċċess għall-finanzi u ffaċilitar ta' esportazzjoni u investiment. Waħda mill-prijoritajiet tinkludi l-immodernizzar ta' bini tat-tip Sovjetiku biex titjieb l-effiċjenza tal-enerġija. F'dan il-kuntest, il-Litwanja għandha l-għan li tgħaġġel (u tissimplifika) l-assorbiment tal-fondi strutturali tal-UE, fejn il-possibilitajiet ta' ffinanzjar ta' investimenti bħal dawn jikbru b'mod konsiderevoli skont il-proposti għal Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku tal-Kummissjoni. Dawn il-miżuri huma marbuta mal-aġenda ta' riforma fil-perijodu medju u mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż proposti mill-Kummissjoni fit-28 ta' Jannar 2009 skont l-Istrateġija ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi.

(12) Il-Litwanja adottat programm ta' konsolidament li huwa tweġiba xierqa għall-ħtieġa ta' korrezzjoni ta' żbilanċi makro-ekonomiċi. Madankollu, ir-riżultati baġitarji huma soġġetti għal riskji negattivi sinifikanti. Barra minn hekk, l-aġġustament għandu jkun sostnut b'miżuri addizzjonali, b'mod partikolari fi snin imbiegħda. Minkejja li l-marġni ta' sikurezza kontra l-varjazzjonijiet ċikliċi normali jidher li huwa rispettat fil-programm fis-snin kollha mill-2009 'l quddiem, dan jista' jsir mhux suffiċjenti, meta jitqiesu r-riskji inkluża l-kriżi ekonomika gravi biex jiġi evitat il-ksur tal-limitu massimu ta' 3 % fl-2009 u l-2010. Il-pożizzjoni fiskali mistennija li tkun restrittiva mill-2009 sal-2011 kif imkejla bit-tibdil fil-bilanċ strutturali (primarju). Fil-kuntest tas-sħubija tal-Litwanja fl-ERM II u l-ħtieġa li titjieb il-kompetittività tal-kost tal-ekonomija, il-korrezzjoni tat-tkabbir preċedentement għoli tal-pagi hija ggarantita.

(13) Fir-rigward tal-ħtiġiet ta' data speċifikati fil-kodiċi ta' kondotta għal programmi ta' stabbiltà u konverġenza, il-programm jipprovdi d-data meħtieġa kollha u l-parti l-kbira ta' dik mhux obbligatorja ([1]).

([1]) B'mod partikolari, id-data dwar is-sottokomponenti tal-aġġustament tal-fluss tal-istokk, l-estimi tal-kontributi għat-tkabbir potenzjali u ċerta data dwar is-sostenibbiltà fit-tul mhumiex ipprovduti.

Il-konklużjoni ġenerali hija li l-Litwanja bħalissa għaddejja minn kontrazzjoni gravi fit-talba interna wara snin ta' tkabbir ekonomiku 'l fuq mill-potenzjal. Il-kriżi finanzjarja globali li dejjem qed tiżdied u t-talba esterna li dejjem qed tonqos jikkontribwixxu biex il-kontrazzjoni tal-ekonomija tkompli tiggrava. Għal perijodu sostnut it-tkabbir tal-pagi qabeż sewwa t-tkabbir tal-produttività u b'hekk dgħajjef il-kompetittività tal-pajjiż billi xekkel il-prospetti ta' rkupru ekonomiku mmexxi mill-esportazzjoni. Il-bilanċ ġenerali tal-gvern ħżien b'mod konsiderevoli fl-2008 l-aktar minħabba politika fiskali ta' espansjoni. Il-programm għandu fil-mira żbilanċ ta' 2,1 % tal-PDG fl-2009 u tnaqqis bil-mod il-mod fl-iżbilanċ nominali minn hemm 'il quddiem għal pożizzjoni bbilanċjata fl-2011. B'kont meħud tar-riskji marbuta max-xenarju makro-ekonomiku u n-nuqqas ta' tagħrif dwar miżuri meħtieġa ta' rfid tal-konsolidament fiskali wara l-2009, ir-riżultati baġitarji fil-programm huma soġġetti għal riskji negattivi sinifikanti, bl-iżbilanċ nominali possibbilment jaqbeż it-3 % tal-PDG fl-2009 u l-2010, filwaqt li l-proporzjon tad-dejn ser jibqa' sewwa taħt is-60 % tal-livell ta'referenza tal-PDG. Il-pożizzjoni fiskali restrittiva ppjanata mill-2009 sal-2011 hija tweġiba xierqa fid-dawl tal-iżbilanċi attwali. Il-qafas baġitarju attwali huwa daqsxejn dgħajjef fir-rigward tal-ippjanar u l-kontroll ta' finanzi pubbliċi fil-perijodu medju, speċjalment għal dak li huwa nfiq.

Fid-dawl tal-evalwazzjoni ta' hawn fuq u minħabba l-bżonn li tiġi żgurata konverġenza sostenibbli u sehem mingħajr xkiel fl-ERM II, il-Litwanja hija mistiedna:

(i) timplimenta l-miżuri meħtieġa biex tikseb il-mira baġitarja fl-2009 billi tipprijoritizza l-infiq u tkompli l-konsolidament fiskali mmirat fil-perijodu medju;

(ii) timplimenta trażżin tal-pagi tas-settur pubbliku biex tiffaċilita l-allinjament tal-pagi tal-ekonomija sħiħa mal-produttività u ssaħħaħ il-kost-kompetittività;

(iii) issaħħaħ il-governanza fiskali u t-trasparenza, billi ttejjeb il-qafas baġitarju fil-perijodu medju u ssaħħaħ id-dixxiplina tal-infiq.

**Tqabbil tal-projezzjonijiet makro-ekonomiċi u baġitarji ewlieni**

| | | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| PDG reali (bidla f'%) | PK Jan 2009 | 8,9 | 3,5 | − 4,8 | − 0,2 | 4,5 |
| | COM Jan 2009 | 8,9 | 3,4 | − 4,0 | − 2,6 | m.d.* |
| | *PK Diċ 2007* | *9,8* | *5,3* | *4,5* | *5,2* | *m.d.* |
| Inflazzjoni tal-HICP (%) | PK Jan 2009 | 5,8 | 11,2 | 5,4 | 3,6 | − 0,1 |
| | COM Jan 2009 | 5,8 | 11,1 | 5,6 | 4,8 | m.d. |
| | *PK Diċ 2007* | *5,8* | *6,5* | *5,1* | *3,6* | *m.d.* |
| Differenza bejn il-produzzjoni effettiva u dik potenzjali (1) (% tal-PDG potenzjali) | PK Jan 2009 | 7,1 | 5,4 | − 2,8 | − 5,7 | − 4,0 |
| | COM Jan 2009 (2) | 7,7 | 6,6 | − 0,5 | − 4,8 | m.d. |
| | *PK Diċ 2007* | *3,3* | *1,5* | *− 0,4* | *− 1,3* | *m.d.* |

| | | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Self mogħti/meħud nett meta mqabbel mal-bqija tad-dinja (% tal-PDG) | PK Jan 2009 | − 12,7 | − 10,2 | − 1,8 | − 4,7 | − 5,7 |
| | COM Jan 2009 | − 13,2 | − 10,7 | − 4,8 | − 4,7 | m.d. |
| | *PK Diċ 2007* | *− 12,5* | *− 12,7* | *− 14,5* | *− 15,4* | *m.d.* |
| Dħul ġenerali tal-Gvern (% tal-PDG) | PK Jan 2009 | 33,9 | 33,8 | 35,8 | 37,3 | 36,4 |
| | COM Jan 2009 | 33,9 | 33,9 | 34,8 | 36,0 | m.d. |
| | *PK Diċ 2007* | *35,5* | *37,4* | *38,6* | *39,4* | *m.d.* |
| Nefqa ġenerali tal-Gvern (% tal-PDG) | PK Jan 2009 | 35,2 | 36,7 | 37,8 | 38,3 | 36,4 |
| | COM Jan 2009 | 35,2 | 36,8 | 37,8 | 39,4 | m.d. |
| | *PK Diċ 2007* | *36,4* | *37,9* | *38,5* | *38,6* | *m.d.* |
| Bilanċ ġenerali tal-gvern (% tal-PDG) | PK Jan 2009 | − 1,2 | − 2,9 | − 2,1 | − 1,0 | 0,0 |
| | COM Jan 2009 | − 1,2 | − 2,9 | − 3,0 | − 3,4 | m.d. |
| | *PK Diċ 2007* | *− 0,9* | *− 0,5* | *0,2* | *0,8* | *m.d.* |
| Bilanċ primarju (% tal-PDG) | PK Jan 2009 | − 0,5 | − 2,3 | − 1,2 | 0,0 | 1,1 |
| | COM Jan 2009 | − 0,5 | − 2,2 | − 2,0 | − 2,3 | m.d. |
| | *PK Diċ 2007* | *− 0,1* | *0,3* | *0,9* | *1,4* | *m.d.* |
| Bilanċ aġġustat ċiklikament (1) (% tal-PDG) | PK Jan 2009 | − 3,1 | − 4,4 | − 1,3 | 0,5 | 1,1 |
| | COM Jan 2009 | − 3,3 | − 4,6 | − 2,9 | − 2,1 | m.d. |
| | *PK Diċ 2007* | *− 1,8* | *− 0,9* | *0,3* | *1,1* | *m.d.* |
| Bilanċ strutturali (3) (% tal-PGD) | PK Jan 2009 | − 2,6 | − 4,9 | − 1,8 | 0,1 | 1,1 |
| | COM Jan 2009 | − 2,7 | − 4,6 | − 2,9 | − 2,1 | m.d. |
| | *PK Diċ 2007* | *− 1,2* | *− 0,9* | *0,3* | *1,1* | *m.d.* |
| Dejn gross tal-gvern (% tal-PDG) | PK Jan 2009 | 17,0 | 15,3 | 16,9 | 18,1 | 17,1 |
| | COM Jan 2009 | 17,0 | 17,1 | 20,0 | 23,3 | m.d. |
| | *PK Diċ 2007* | *17,6* | *17,2* | *15,0* | *14,0* | *m.d.* |

*Noti:*

(1) Differenza bejn il-produzzjoni effettiva u dik potenzjali u bilanċi aġġustati ċiklikament skont il-programmi kif ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-programmi.

(2) Ibbażat fuq it-tkabbir potenzjali stmat ta' 6,1 %, 1,8 %, 4,5 % u 2,8 % rispettivament fil-perijodu 2007-2010.

(3) Bilanċ aġġustat ċiklikament u jeskludi miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħrajn. Miżuri ta' darba u oħrajn temporanji huma 0,6 % tal-PDG fl-2007; li jżidu l-iżbilanċ, 0.5 % fl-2008, 0,5 % fl-2009 u 0,5 % fl-2010; kollha jnaqqsu l-iżbilanċ skont l-aktar programm reċenti u 0,6 % tal-PDG fl-2007; li jżidu l-iżbilanċ skont it-tbassir proviżorju ta' Jannar tas-servizzi tal-Kummissjoni.

*Sors:*

*Programm ta' konverġenza (PK); It-tbassir proviżorju tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' Jannar 2009 (COM); Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.*

**ABBOZZ TA' OPINJONI TAL-KUNSILL**

**tal-10 ta' Marzu 2009**

**dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Lussemburgu 2008-2010**

(2009/C 70/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ ta' sorveljanza pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPNJONI:

(1) Fl-10 ta' Marzu 2009 l-Kunsill eżamina l-programm ta' stabbiltà aġġornat tal-Lussemburgu, li jkopri l-perijodu mill-2008 sal-2010 ([2]).

(2) L-attività ekonomika naqset ir-ritmu konsiderevolment b'riżultat tat-tnaqqis fl-attività ekonomika dinjija u tal-kriżi finanzjarja, bit-tkabbir reali tal-PDG jaqa' minn 5,2 % fl-2007 għal madwar 1 % fl-2008. Fl-2009, l-attività ekonomika mistennija tonqos b'0,9 % skont il-previżjoni proviżorja ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni: l-ekonomija tal-Lussemburgu, li hija miftuħa ħafna u tiddependi mill-prestazzjonijiet tas-settur finanzjarju tiegħu, ser tintlaqat serjament mit-tnaqqis li hemm imbassar fil-kummerċ dinji u mill-kriżi finanzjarja, waqt li n-nefqa tal-gvern u, sa ċertu punt, il-konsum privat mistennija li jkunu l-uniku sostenn għat-tkabbir. L-isfidi ewlenin għall-politika fit-tnaqqis tal-attività huma relatati mas-settur finanzjarju, li l-attività tiegħu hija internazzjonalizzata ħafna, u mas-sostenn tad-domanda domestika. It-tnaqqis fl-attività ser ikollu impatt sostanzjali fuq il-finanzi pubbliċi minħabba li l-bilanċ pożittiv ħafna previst għall-2008 mistenni li fl-2009 jinbidel fi żbilanċ li fl-2010 ser jikber. Din id-deterjorament fil-bilanċ tal-gvern jieħu kont ukoll tal-effett tal-miżuri ta' sostenn deċiżi f'dawn l-aħħar xhur, li essenzjalment jinkludu qtugħ sostanzjali fit-taxxi, speċjalment fit-taxxa fuq id-dħul personali, kif ukoll aċċellerazzjoni sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-proġetti ta' investiment tal-gvern. Fid-dawl tal-pożizzjoni baġitarja inizjali favorevoli u l-livell baxx ħafna ta' dejn pubbliku, dawn il-miżuri huma opportuni u pożittivi.

(3) Ix-xenarju makroekonomiku li jservi ta' bażi għall-programm, kif emendat mill-addendum, jipprevedi li l-PDG reali, wara tnaqqis minn 5,2 % fl-2007 għal 1,0 % fl-2008, ser jonqos b'0,9 % fl-2009 qabel ma jirkupra xi ftit u jiżdied b'1,4 % fl-2010. Meta jitqies bl-informazzjoni disponibbli bħalissa ([3]), dan ix-xenarju jidher li huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet ta' tkabbir plawsibbli għall-2008 sal-2010. Huwa kompletament konformi mal-previżjoni proviżorja ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-previżjonijiet tal-programm għall-inflazzjoni u l-iżvilupp tal-pagi wkoll jidhru realistiċi.

(4) Għall-2008, il-bilanċ pożittiv ġenerali tal-gvern huwa stmat li jkun 2,0 % tal-PDG fl-addendum tal-programm, li jitqabbel ma' mira ta' 0,8 % tal-PDG stabbilita fl-aġġornament preċedenti tal-programm ta' stabbiltà. Dan ir-riżultat li huwa ħafna aħjar milli kien mistenni meta mqabbel mal-aġġornament preċedenti huwa fil-biċċa l-kbira dovut għall-effett bażiku assoċjat ma' reviżjoni tal-bilanċ pożittiv ġenerali tal-gvern fl-2007 minn stima preċedenti ta' 1 % tal-PDG għal 3,2 %, l-aktar minħabba sorpriżi fid-dħul.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p 1. Id-dokumenti msemmija f'dan it-test jinsabu fuq is-sit elettroniku li ġej: http://ec.europa.eu/economy_finance/about/activities/sgp/main_en.htm

([2]) Il-programm oriġinali ta' Ottubru 2008 kien ikopri l-perijodu 2008-2011. Minkejja dan, l-awtoritajiet tal-Lussemburgu fit-2 ta' Frar ppreżentaw addendum li jissostitwixxi x-xenarju oriġinali makroekonomiku u baġitarju b'wieħed fundamentalment differenti, iżda li jkopri biss il-perijodu 2008-2010. Għalhekk is-servizzi tal-Kummissjoni ma setgħux jevalwaw ix-xenarju makroekonomiku u l-miri baġitarji fl-2011.

([3]) Din l-evalwazzjoni tieħu kont b'mod speċjali tat-tbassir proviżorju ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni, iżda wkoll ta' informazzjoni oħra li saret disponibbli minn dak iż-żmien 'l hawn.

Għall-2008, din il-pożizzjoni inizjali, li hija aħjar milli kien previst, ġiet newtralizzata xi ftit minn żieda fin-nefqa li kienet ikbar milli mistenni, b'mod partikolari fl-investiment u l-konsum tal-gvern kif ukoll trasferimenti soċjali. Iż-żieda aktar mgħaġġla milli mistenni fil-konsum tal-gvern hija parzjalment dovuta għall-ħatra ta' persunal ġdid li sar minħabba l-iżvilupp tal-Università tal-Lussemburgu u ta' ċentri pubbliċi oħra ta' riċerka.

(5) Il-programm jipprevedi li l-bilanċ ġenerali tal-gvern jiddeterjora minn bilanċ pożittiv ta' 2 % tal-PDG fl-2008 għal żbilanċ ta' 0,6 % tal-PDG fl-2009. Dan hu dovut parzjalment għall-impatt tat-tnaqqis tal-attività ekonomika u t-tħaddim normali assoċjat ta' stabilizzaturi awtomatiċi, speċjalment rigward id-dħul mit-taxxi tas-settur finanzjarju. L-iżbilanċ tal-2009 ser jirriżulta wkoll minn miżuri diskrezzjonali adottati fil-baġit tal-2009 inklużi dawk deċiżi b'reazzjoni għat-tnaqqis tal-attività ekonomika u konformement mal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku, li jammontaw għal 1,75 % tal-PDG. Il-baġit tal-2009 jipprevedi qtugħ sostanzjali fit-taxxi, speċjalment fit-taxxa fuq id-dħul personali, li jammonta ex ante għal madwar 1,25 % tal-PDG, filwaqt li wħud mill-proġetti ta' investiment tal-gvern li għall-ewwel kienu ppjanati għall-2010 huma ppjanati li jitressqu għal data eqreb. Fl-2009 d-dħul hu mbassar li jonqos b'madwar 0,5 punti perċentwali tal-PDG. Dan jinkludi tnaqqis ta' punt perċentwali tal-PDG f'taxxi diretti li jirriżulta mit-tnaqqis fit-taxxa u mill-impatt tal-kriżi, filwaqt li l-kontribuzzjonijiet soċjali u d-dħul mill-proprjetà għandhom jiżdiedu b'madwar 0,25 punti perċentwali tal-PDG kull wieħed, bis-saħħa tal-effett tat-tkabbir fl-impjiegi li kien għadu sejjer tajjeb sa tmiem l-2008 u tal-imgħaxijiet li waslu mis-self mogħti b'sostenn għas-settur finanzjarju. Simultanjament, fl-2009 n-nefqa ġenerali tal-gvern hija ppjanata li togħla bi 2,25 punti perċentwali tal-PDG, fil-biċċa l-kbira minħabba ż-żidiet sinifikanti fil-konsum u l-investiment tal-gvern kif ukoll fi trasferimenti soċjali, b'dawn tal-aħħar ikunu parzjalment ir-riżultat tas-sostituzzjoni tat-tnaqqis fit-taxxa għat-tfal b'sistema ta' kreditu tat-taxxa kif ukoll taż-żieda fil-qgħad imbassra għal din is-sena.

(6) Il-programm jipprevedi li l-iżbilanċ nominali ġenerali tal-gvern ikompli jiddeterjora minn 0,6 % tal-PDG fl-2009 għal 1,5 % tal-PDG fl-2010, filwaqt li l-iżbilanċ primarju jiżdied minn 0,3 % tal-PDG għal 1,2 %. L-objettiv baġitarju tal-Lussemburgu li jifrex fuq medda medja ta' żmien huwa żbilanċ strutturali (aġġustat ċiklikament u nett minn miżuri ta' darba u miżuri oħrajn temporanji) ta' 0,75 % tal-PDG. Ibbażat fuq ix-xenarju makroekonomiku tal-programm u l-previżjonijiet baġitarji, dan l-objettiv li jifrex fuq medda medja ta' żmien huwa ppjanat li jkun kompletament rispettat matul il-perijodu kopert: il-bilanċ strutturali kkalkulat mill-ġdid bil-metodoloġija maqbula b'mod komuni abbażi tal-informazzjoni fil-programm huwa previst li jibqa' pożittiv, filwaqt li jonqos bi ftit minn bilanċ pożittiv ta' 0,6 % tal-PDG fl-2009 għal bilanċ pożittiv ta' 0,4 % tal-PDG fl-2010. Id-dejn pubbliku gross, li rdoppja minn 7 % tal-PDG fl-2007 għal 14,4 % tal-PDG fl-2008 b'riżultat tal-finanzjament tas-self ta' sostenn lis-sussidjarji Lussemburgiżi tal-banek barranin sistemikament rilevanti, huwa previst li jiżdied għal 15 % tal-PDG fl-2009 u għal 17 % fl-2010. Madankollu, minkejja li rdoppja fl-2008, ser jibqa' fil-wisa' l-inqas wieħed fiż-żona tal-euro.

(7) Ir-riskji għall-previżjonijiet baġitarji fil-programm jidhru b'mod ġenerali bbilanċjati. Min-naħa l-waħda, ir-riskju ta' deterjorament fix-xenarju makroekonomiku jista' jsir realtà. B'mod partikolari, il-konsum privat jista' jirriżulta li jkun inqas reżistenti milli mbassar. Barra minn hekk, l-impatt tal-kriżi fuq id-dħul mit-taxxi, speċjalment dak mis-settur finanzjarju, jista' jkun saħansitra ikbar milli mistenni bħalissa. Min-naħa l-oħra, ir-riżultati tal-2008 jistgħu jkunu aħjar milli previsti fil-programm (kif kien diġà l-każ fl-2007) minħabba li l-previżjonijiet baġitarji fil-Lussemburgu huma tradizzjonalment magħrufa li jkunu kawti.

(8) It-tħassib ewlieni għall-finanzi pubbliċi tal-Lussemburgu jibqa' s-sostenibilità fit-tul fid-dawl ta' żieda kbira ħafna prevista fin-nefqa pubblika relatata mal-età u l-fatt li sa issa ma ttieħdet l-ebda miżura li tindirizza din il-kwistjoni: l-impatt baġitarju fit-tul tat-tixjiħ huwa fost l-ogħla fl-UE, influwenzat speċjalment minn żieda konsiderevoli ħafna prevista fin-nefqa fuq il-pensjonijiet. Il-pożizzjoni baġitarja fl-2008 kif stmata fil-programm, li hija aħjar mill-pożizzjoni tat-tluq tal-programm ta' qabel, il-proporzjon baxx tad-dejn, l-assi sinifikanti akkumulati fis-sigurtà soċjali, u bilanċ pożittiv primarju strutturali jikkontribwixxu biex jagħmlu tajjeb għall-impatt baġitarju fit-tul previst minħabba l-popolazzjoni li qed tixjieħ. Iżda dan mhuwiex biżżejjed biex ikopri ż-żieda mdaqqsa fin-nefqa relatata mal-età.

Il-kisba ta' bilanċi pożittivi primarji għolja fil-medda medja ta' żmien u, kif rikonoxxut mill-awtoritajiet, l-implimentazzjoni ta' miżuri mmirati li jrażżnu ż-żieda sostanzjali fin-nefqa relatata mal-età, inkluż billi tiżdied l-età tal-pensjoni effettiva, għandhom jgħinu biex jonqos ir-riskju fil-medda medja ta' żmien għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Ir-riskji għas-sostenibbiltà mnissla mill-operazzjonijiet ta' sostenn lis-settur finanzjarju mwettqa f'dawn l-aħħar xhur ma jidhrux konsiderevoli bħalissa, minkejja ż-żieda mdaqqsa fid-dejn pubbliku li dawn l-operazzjonijiet kienu jeħtieġu, anke jekk il-passivi potenzjali jistgħu jkunu relattivament importanti minħabba d-daqs kbir ħafna tas-settur finanzjarju. Barra minn dan, parti kbira tal-ispejjeż (jew saħansitra kollha kemm huma) iġġenerati minn dawn l-operazzjonijiet ta' sostenn jistgħu jiġu rkuprati fil-ġejjieni.

(9) L-istruttura tal-finanzi pubbliċi tidher relattivament favorevoli fil-Lussemburgu: in-nefqa tal-gvern u l-piż tat-taxxa huma relattivament baxxi u kemm is-sistemi tan-nefqa kif ukoll dawk tad-dħul jidhru relattivament effiċjenti, imqabbla ma' Stati Membri oħra. B'mod partikolari, il-konsum tal-gvern u t-tassazzjoni tad-dħul mill-ħaddiema huma relattivament baxxi filwaqt li l-investiment pubbliku huwa wieħed mill-ogħla fl-UE kollha.

(10) Bil-ħsieb li jistabbilizza s-settur finanzjarju, il-Gvern tal-Lussemburgu ddeċieda f'Settembru u Ottubru 2008 li jagħti self konvertibbli lis-sussidjarji lokali ta' żewġ banek barranin kbar għal ammont totali ta' EUR 2,776 biljun (7,6 % tal-PDG). Biex itejjeb l-aċċess tiegħu għal finanzi, ġie deċiż ukoll li jsiru garanziji għall-impenji ġodda kuntrattati minn wieħed minn dawn il-banek lejn investituri istituzzjonali u b'maturità massima ta' tliet snin. Fl-aħħar, biex terġa' tingħata fiduċja lid-depożituri, l-ammont kopert mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti żdiedet minn EUR 20 000 għal EUR 100 000 għal kull depożitu. Għandu jkun innutat li l-gvern ġenerali għandu assi finanzjarji kbar, akkumulati mill-bilanċi pożittivi rikorrenti rreġistrati f'dawn l-aħħar deċennji u amplifikati mis-self mogħti lis-sussidjarji ta' dawn iż-żewġ banek barranin fi tmiem l-2008. Dawn l-assi kienu jammontaw għal madwar 32 % tal-PDG fl-2008, li minnhom madwar terz kienu miżmuma mill-gvern ċentrali u żewġ terzi mis-sistema ta' sigurtà soċjali. Konsegwentement, il-pożizzjoni finanzjarja netta tal-gvern ġenerali hija pożittiva fil-wisa'.

(11) Uħud mill-miżuri ta' sostenn fiskali kienu diġà ġew deċiżi fil-baġit tal-2009, li ġie abbozzat qabel ma ggravat il-kriżi finanzjarja. Dawn kienu jikkonsistiu fil-biċċa l-kbira minn qtugħ fit-taxxa fuq id-dħul, li l-ispiża tiegħu hija stmata mill-programm għal madwar 1,2 % tal-PDG. Il-baġit ippreveda wkoll tnaqqis fir-rata tat-taxxa fuq il-kumpanniji, li ser jaffettwa d-dħul mill-2010 'l quddiem. Barra dan, konformement mal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku li nqabel f'Diċembru mill-Kunsill Ewropew, il-Lussemburgu adotta miżuri oħra ta' sostenn, li l-iktar rilevanti fosthom jirreferu għal aċċellerazzjoni fl-investiment tal-gvern kif ukoll sussidji għax-xiri ta' prodotti li jservu fit-tul li huma effiċjenti mil-lat ta' enerġija u għal investimenti għall-iffrankar tal-enerġija. Barra minn dan, is-sehem ta' min jimpjega tal-benefiċċju tal-qgħad fil-każ ta' qgħad parzjali (part-time) ser jiġi rimborsat mill-gvern sa tmiem l-2009. B'kollox, dawn il-miżuri ta' stimolu ser jammontaw għal madwar 1,75 % tal-PDG. Bis-saħħa tal-bilanċ pożittiv mhux negliġibbli rreġistrat fl-2008 u bis-saħħa tal-livell baxx ħafna tad-dejn pubbliku, l-ispazju disponibbli għall-immanuvrar huwa partikolarment wiesa' fil-Lussemburgu. Il-pakkett ta' stimolu fiskali għall-2009 u l-2010 jidher li jikkostitwixxi reazzjoni adegwata għat-tnaqqis attwali fl-attività ekonomika, minkejja li parti kbira mill-miżuri ta' stimolu mhumiex suppost li jkunu temporanji, speċjalment il-qtugħ fit-taxxa fuq id-dħul, li tfassal primarjament biex jikkumpensa għan-nuqqas ta' indiċjar tal-kategoriji tat-taxxa mill-2001 'l hawn. Il-Lussemburgu ħa wkoll diversi miżuri u ser jieħu oħrajn fis-snin li ġejjin biex joħloq ambjent ekonomiku aktar attraenti u biex jimplimenta l-pakkett dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima. Dawn il-miżuri huma relatati mal-aġenda ta' riforma fuq medda medja ta' żmien proposta mill-Kummissjoni fit-28 ta' Jannar 2009 skont l-Istrateġija ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi.

(12) Il-bilanċ strutturali kkalkulat bil-metodoloġija maqbula b'mod komuni huwa previst li jibqa' f'bilanċ pożittiv, iżda jonqos minn 1,5 % tal-PDG fl-2008 għal 0,6 % tal-PDG fl-2009 u 0,4 % tal-PDG fl-2010. Il-qagħda fiskali globali fl-2009 hija espansjonista, u tirrifletti r-reazzjoni tal-gvern tal-Lussemburgu għat-tnaqqis fl-attività, u fl-2010 hija moderatament espansjonista, għalkemm il-bidliet fil-bilanċ strutturali huma pjuttost iżgħar mill-miżuri ta' stimolu meħuda. L-objettivi għaż-żmien medju mistennija li jkunu rispettati tul il-perijodu kopert.

(13) Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' data speċifikati fil-kodiċi tal-kondotta għall-programmi ta' stabbiltà u konverġenza, il-programm fih xi nuqqasijiet fid-data meħtieġa u f'dik fakultattiva ([1]). Barra minn hekk, l-addendum għall-programm, li jissostitwixxi parzjalment ix-xenarju oriġinali makroekonomiku u baġitarju, ma jipprovdix previzjonijiet għall-2011 ([2]).

Il-konklużjoni globali hija li, fid-dawl tal-pożizzjoni baġitarja soda tat-tluq, il-miżuri deċiżi bħala reazzjoni għat-tnaqqis fl-attività ekonomika u ppreżentati fl-addendum għall-programm ta' stabbiltà huma opportuni u għandhom jintlaqgħu b'approvazzjoni. Il-miżuri ġeneralment jikkonformaw mal-prinċipji (f'waqthom, immirati u temporanji) tal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku, anke jekk il-qtugħ fit-taxxa fuq id-dħul, li ġie deċiż qabel ma ggravat il-kriżi, mhumiex ippjanati li jkunu temporanji. Minħabba t-tnaqqis qawwi previst fl-attività ekonomika u l-miżuri deċiżi b'reazzjoni għat-tnaqqis fl-attività, il-bilanċ tal-gvern ser jinbidel fi żbilanċ fl-2009, wara diversi snin ta' bilanċi pożittivi, iżda ser jibqa' 'l bogħod mill-valur ta' referenza ta' 3 % u l-objettiv fuq terminu medju ta' żmien hu ppjanat li jiġi rispettat matul il-perijodu kollu tal-programm. Ir-riskji għall-miri baġitarji tal-programm jidhru ġeneralment ibbilanċjati. Minkejja dan, jifdal tħassib dwar is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, li jridu jerfgħu piż partikolarment tqil fid-deċennji li ġejjin hekk kif iż-żieda fin-nefqa relatata mal-età mistennija li tkun fost l-aktar qawwija fl-UE kollha.

Fid-dawl tal-evalwazzjoni ta' hawn fuq u taż-żieda qawwija ħafna fit-tbassir tan-nefqa relatata mal-età għad-deċennji li ġejjin, il-Lussemburgu huwa mistieden sabiex:

(i) jimplimenta l-pjanijiet fiskali, inklużi l-miżuri ta' stimolu f'konformità mal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku u fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;

(ii) itejjeb is-sostenibilità fit-tul tal-finanzi pubbliċi tiegħu billi jimplimenta miżuri ta' riforma strutturali, b'mod partikolari fil-qasam tal-pensjonijiet.

**Tqabbil tat-tbassir makroekonomiku u baġitarju ewlieni**

| | | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|
| PDG reali (% tibdil) | PS Ott 2008 | 5,2 | 1,0 | – 0,9 | 1,4 |
| | COM Jan 2009 | 5,2 | 1,0 | – 0,9 | 1,4 |
| | *SP Nov 2007* | *6,0* | *4,5* | *5,0* | *4,0* |
| Inflazzjoni HICP (%) | PS Ott 2008 | 2,7 | 4,1 | 0,6 | 2,5 |
| | COM Jan 2009 | 2,7 | 4,1 | 0,6 | 2,5 |
| | *SP Nov 2007* | *2,3* | *2,0* | *2,1* | *2,1* |
| Distakk tal-produzzjoni ([1]) (% tal-PDG potenzjali) | PS Ott 2008 | 3,2 | 1,1 | – 2,5 | – 3,8 |
| | COM Jan 2009 ([2]) | 3,2 | 1,1 | – 2,3 | – 3,5 |
| | *SP Nov 2007* | *0,5* | *0,1* | *0,2* | *– 0,8* |

([1]) B'mod partikolari, ma hemm l-ebda data dwar bilanċi settorjali bl-eċċezzjoni tal-gvern ċentrali.

([2]) L-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 jipprevedi li "*It-tagħrif dwar it-toroq għall-proporzjoni ta' bilanċ favorevoli/żbilanċ tal-gvern ġenerali u l-iskala tad-dejn u l-assunzjonijiet ekonomiċi prinċipali (...) għandhom ikopru, flimkien mas-sena kurrenti u dik ta' qabel, għall-inqas it-tliet snin li jiġu wara*".

| | | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|
| Self nett vis-à-vis l-bqija tad-dinja (% tal-PDG) | PS Ott 2008 | m.d. | m.d. | m.d. | m.d. |
| | COM Jan 2009 | m.d. | m.d. | m.d. | m.d. |
| | *SP Nov 2007* | *m.d.* | *m.d.* | *m.d.* | *m.d.* |
| Dhul ġenerali tal-Gvern (% tal-PDG) | PS Ott 2008 | 41,0 | 43,2 | 42,8 | 42,8 |
| | COM Jan 2009 | 41,0 | 43,6 | 44,0 | 42,9 |
| | *SP Nov 2007* | *38,5* | *37,8* | *37,9* | *37,8* |
| Infiq ġenerali tal-Gvern (% tal-PDG) | PS Ott 2008 | 37,8 | 41,2 | 43,4 | 44,3 |
| | COM Jan 2009 | 37,8 | 40,6 | 43,5 | 44,3 |
| | *SP Nov 2007* | *37,5* | *36,9* | *36,9* | *36,6* |
| Bilanċ ġenerali tal-gvern (% tal-PDG) | PS Ott 2008 | 3,2 | 2,0 | − 0,6 | − 1,5 |
| | COM Jan 2009 | 3,2 | 3,0 | 0,4 | − 1,4 |
| | *SP Nov 2007* | *1,0* | *0,8* | *1,0* | *1,2* |
| Bilanċ primarju (% tal-PDG) | PS Ott 2008 | 3,5 | 2,3 | − 0,3 | − 1,2 |
| | COM Jan 2009 | 3,5 | 3,3 | 1,0 | − 0,9 |
| | *SP Nov 2007* | *1,2* | *1,1* | *1,2* | *1,5* |
| Bilanċ aġġustat ċiklikament ([1]) (% tal-PDG) | PS Ott 2008 | 1,6 | 1,5 | 0,6 | 0,4 |
| | COM Jan 2009 | 1,6 | 2,4 | 1,6 | 0,3 |
| | *SP Nov 2007* | *0,7* | *0,8* | *0,9* | *1,6* |
| Bilanċ strutturali ([3]) (% tal-PDG) | PS Ott 2008 | 1,6 | 1,5 | 0,6 | 0,4 |
| | COM Jan 2009 | 1,6 | 2,4 | 1,6 | 0,3 |
| | *SP Nov 2007* | *0,7* | *0,8* | *0,9* | *1,6* |

| | | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|
| Dejn gross tal-gvern (% tal-PDG) | PS Ott 2008 | 7,0 | 14,4 | 14,9 | 17,0 |
| | COM Jan 2009 | 7,0 | 14,4 | 15,0 | 15,1 |
| | *SP Nov 2007* | *6,9* | *7,1* | *7,2* | *7,0* |

*Noti:*

([1]) Distakki fil-produzzjoni u bilanċi aġġustati ċiklikament skont il-programmi kif ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-programmi.

([2]) Ibbażat fuq tkabbir potenzjali stmat ta' 4,2 %, 3,2 %, 2,7 % u 2,8 % rispettivament fil-perijodu 2007-2010.

([3]) Bilanċ aġġustat ċiklikament li jeskludi miżuri ta' darba biss u miżuri oħrajn temporanji. Miżuri ta' darba biss u miżuri oħrajn temporanji huma 0 % tal-PDG fl-2009, fl-2010 u fl-2011 skont l-iktar programm reċenti u fil-previżjoni proviżorja ta' Jannar tas-servizzi tal-Kummissjoni.

*Sors:*

*Programm ta' Stabbiltà (PS), previżjoni proviżorja ta' Jannar 2009 tas-servizzi tal-Kummissjoni (COM); kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.5427 — Dexia Credit Local/Dexia Kommunalkredit Bank)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 70/04)

Fit-12 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32009M5427. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

## Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

## Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(2009/C 70/05)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 25.2.2009 |
| Numru ta' referenza ta' l-għajnuna | NN 116/02 ex N 563/02 |
| Stat Membru | L-Olanda |
| Reġjun | — |
| Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju) | Tijdelijke noodmaatregel: overname varkens wegens MPA-verontreiniging |
| Bażi ġuridika | Artikelen 93 en 26 van de wet op de bedrijfsorganisaties. Algemene Voorwaarden tijdelijke noodmatregel overname varkens wegens MPA-verontreiniging zoals vastgesteld door het Productschap Vee en Vlees |
| Tip ta' miżura | Miżura ta' kumpens ta' darba |
| Għan | Is-Saħħa ta' l-Annimali u tal-Bniedem, prevenzjoni tal-kontaminazzjoni MPA; il-prevenzjoni mid-dħul fil-katina alimentari |
| Forma ta' l-għajnuna | Kumpens għall-qatla tal-ħnieżer fil-farms li kienu suspettati li kienu kkontaminati bill-MPA hekk kif ċerti kampjuni ta' għadd minn dawn il-ħnieżer fil-farms irriżultaw pożittivi għall-kontaminazzjoni MPA |
| Baġit | EUR 6 350 000 |
| Intensità | Massimu ta' 100 % fuq il-valur tas-suq tal-ħnieżer |
| Tul ta' żmien | Awwissu — Settembru 2002 |
| Setturi ekonomiċi | Is-Settur ta' l-Agrikoltura u tat-trobbija tal-Bhejjem (ħnieżer) |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Ministerie van Landbouw, Natuur en Voedselkwaliteit<br>Postbus 20401<br>2500 EK Den Haag<br>Nederland |
| Tagħrif ieħor | L-Artikolu 87(2) (b) tat-Trattat (KE) — Avveniment straordinarju |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

---

| | |
|---|---|
| Id-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni | 13.1.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 394/08 |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | Navarra |
| Titolu (u/jew isem il-benefiċjarju) | Ayudas para el fomento de sistemas de producción ganadera sostenibles |
| Bażi ġuridika | Orden foral de la Consejería de Desarrollo Rural y Medio Ambiente, por la que se establecen las normas reguladoras para la concesión de las ayudas para el fomento de sistemas de producción ganadera sostenibles |

| | |
|---|---|
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Għan | Għajnuna li tinkuraġixxi l-impenni agroambjentali biex jiġu adattati forom ta' produzzjoni iktar sostenibbli ta' trobbija tal-bhejjem f'Navarra |
| Il-forma tal-għajnuna | Sussidju dirett |
| Baġit | EUR 12 000 000 |
| Intensità | Massimu ta' EUR 35/Ha |
| Tul | Sal-31 ta' Diċembru 2013 |
| Setturi ekonomiċi | Is-settur agrikolu |
| L-isem u l-indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajnuna | Departamento de Desarrollo Rural y Medio Ambiente del Gobierno de Navarra<br>C/ Tudela, 20<br>31003 Pamplona (Navarra)<br>ESPAÑA |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

**Lista ta' ħatriet imwettqin mill-Kunsill**

**Jannar u Frar 2009 (Qasam soċjali)**

(2009/C 70/06)

| Kumitat | Tmiem tal-mandat | Pubblikazzjoni fil-ĠU | Persuna sostitwita | Riżenja/Ħatra | Membru/Membru Supplenti | Kategorija | Pajjiż | Persuna maħtura | Appartenenza | Data tad-deċiżjoni tal-Kunsill |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kumitat Konsultattiv għal-Libertà tal-Moviment tal-Ħaddiema | 24.9.2010 | C 253, 4.10.2008 | Is-Sur Gaetan BEZIER | Riżenja | Membru | Min iħaddem | Franza | Is-Sinjura Natacha MARQUET | FNSEA | 23.2.2009 |
| Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2010 | L 64, 2.3.2007 | Is-Sinjura Yolanda PALACIO-FERRERO | Riżenja | Membru Supplenti | Gvern | Spanja | Is-Sur Mario GRAU RIOS | Ministerio de Trabajo e Inmigración | 23.2.2009 |
| Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2010 | L 64, 2.3.2007 | Is-Sur Mikko HURMALAINEN | Riżenja | Membru | Gvern | Finlandja | Is-Sur Leo SUOMAA | Ministry of Social Affairs and Health | 23.2.2009 |
| Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2010 | L 64, 2.3.2007 | Is-Sinjura Anna-Liisa SUNDQUIST | Riżenja | Membru Supplenti | Gvern | Finlandja | Is-Sur Erkki YRJÄNHEIKKI | Ministry of Social Affairs and Health | 23.2.2009 |
| Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2010 | L 64, 2.3.2007 | Is-Sur Matti LAMBERG | Riżenja | Membru Supplenti | Gvern | Finlandja | Is-Sinjura Ritva PARTINEN | Ministry of Social Affairs and Health | 23.2.2009 |

| Kumitat | Tmiem tal-mandat | Pubblikazzjoni fil-ĠU | Persuna sostitwita | Riżenja/Ħatra | Membru/Membru Supplenti | Kategorija | Pajjiż | Persuna maħtura | Appartenenza | Data tad-deċiżjoni tal-Kunsill |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2010 | L 64, 2.3.2007 | Is-Sinjura Renate CZESKLEBA | Riżenja | Membru | Ħaddiema | Awstrija | Is-Sinjura Karin ZIMMERMANN | Österreichischer Gewerkschaftsbund Sozialpolitik — Gesundheitspolitik | 23.2.2009 |
| Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2010 | L 64, 2.3.2007 | — | Ħatra | Membru Supplenti | Ħaddiema | Awstrija | Herr Alexander HEIDER | Bundesarbeitskammer Abteilung Sicherheit, Gesundheit und Arbeit | 23.2.2009 |
| Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2010 | L 64, 2.3.2007 | Is-Sur Miloš JANOUŠEK | Riżenja | Membru Supplenti | Gvern | Slovakkja | Is-Sinjura Laurencia JANČUROVÁ | National Labour Inspectorate | 23.2.2009 |
| Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 7.11.2010 | C 271, 14.11.2007 | Is-Sinjura Pilar CASLA BENITO | Riżenja | Membru Supplenti | Gvern | Spanja | Is-Sur Mario GRAU RIOS | Ministerio de Trabajo e Inmigración | 23.2.2009 |
| Bord Governattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 7.11.2010 | C 271, 14.11.2007 | Is-Sur Miloš JANOUŠEK | Riżenja | Membru | Gvern | Slovakkja | Is-Sinjura Laurencia JANČUROVÁ | National Labour Inspectorate | 23.2.2009 |
| Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2010 | C 282, 24.11.2007 | Is-Sinjura Ana Cristina LÓPEZ LÓPEZ | Riżenja | Membru | Gvern | Spanja | Is-Sur Juan Pablo PARRA GUTIERREZ | Ministerio de Trabajo e Immigración | 23.2.2009 |
| Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2010 | C 282, 24.11.2007 | Is-Sinjura Birgit STIMMER | Riżenja | Membru Supplenti | Gvern | Awstrija | Is-Sinjura Petra HRIBERNIG | Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit | 23.2.2009 |
| Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2010 | C 282, 24.11.2007 | Is-Sur Paul CLERINX | Riżenja | Membru Supplenti | Min iħaddem | Belġju | Is-Sur Kris De MEESTER | VBO-FEB | 23.2.2009 |

# IL-KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta' l-euro ([1])

## It-23 ta' Marzu 2009

(2009/C 70/07)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3558 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,9475 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 131,12 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,6753 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4506 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,5054 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,92945 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,3938 |
| SEK | Krona Żvediża | 11,0760 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,0493 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5301 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 887,52 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 12,8424 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,6345 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,2623 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,4667 |
| CZK | Krona Ċeka | 26,820 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 693,39 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,9381 |
| HUF | Forint Ungeriż | 304,15 | PHP | Peso Filippin | 65,060 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 45,2775 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7093 | THB | Baht Tajlandiż | 47,897 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,5703 | BRL | Real Brażiljan | 3,0522 |
| RON | Leu Rumen | 4,2940 | MXN | Peso Messikan | 19,1710 |
| TRY | Lira Turka | 2,2674 | INR | Rupi Indjan | 68,3040 |

([1]) *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1628/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna ta' investiment nazzjonali reġjonali

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 70/08)

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 51/07 |
| Stat Membru | Il-Portugall |
| Reġjun | Açores |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna *ad hoc* | SIDER — Sistema de Incentivos para o Desenvolvimento Regional dos Açores |
| Bażi legali | Decreto Legislativo Regional n.º 13/2005/A, de 1 de Julho.<br>Decretos Regulamentares Regionais n.os 25/2005/A, de 6 de Dezembro, 12/2005/A, de 24 de Maio e 6/2006/A, de 16 de Janeiro |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Baġit annwali | EUR 3,5 miljun |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 45 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.1.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2007 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali |
| | — |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Secretaria Regional da Economia<br>Rua de São João, 47<br>9504-533 Ponta Delgada (S. Miguel) Açores<br>PORTUGAL<br>drace@azores.gov.pt |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | www.azores.gov.pt |
| Informazzjoni oħra | — |

| | |
|---|---|
| Għajnuna Nru | XR 52/07 |
| Stat Membru | Il-Portugall |
| Reġjun | Açores |
| It-titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem ta' l-intrapriża li tkun qed tirċievi għajnuna *ad hoc* | Proenergia — Sistema de Incentivos à produção de energia a partir de fontes renováveis |

| | |
|---|---|
| Bażi legali | Decreto Legislativo Regional n.º 26/2006/A, de 31 de Julho |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Baġit annwali | EUR 1 miljun |
| Intensità massima ta' l-għajnuna | 25 % |
| | Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament |
| Data ta' l-implimentazzjoni | 1.1.2007 |
| Kemm se ddum l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi kollha eliġibbli għal għajnuna ta' investiment reġjonali |
| | — |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Secretaria Regional da Economia<br>Rua de São João, 47<br>9504-533 Ponta Delgada (S. Miguel) Açores<br>PORTUGAL<br>drace@azores.gov.pt |
| l-indirizz fuq l-internet tal-publikazzjoni ta' l-iskema ta' l-għajnuna | www.azores.gov.pt |
| Informazzjoni oħra | — |

V

*(Avviżi)*

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2009/C 70/09)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għall-oġġezzjoni tal-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet tal-oġġezzjoni jridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni

SOMMARJU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"MAKÓI VÖRÖSHAGYMA" jew "MAKÓI HAGYMA"**

**KE Nru: HU-PDO-005-0387-21.10.2004**

**DPO ( X ) IGP ( )**

Dan is-sommarju jistipula l-elementi prinċipali tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal skopijiet ta' tagħrif.

1. **Id-dipartiment responsabbli fl-Istat Membru**

| | |
|---|---|
| Isem: | Földművelésügyi és Vidékfejlesztési Minisztérium – Élelmiszerlánc-elemzési Főosztály |
| Indirizz: | 1055 Budapest<br>Kossuth Lajos tér 11.<br>MAGYARORSZÁG |
| Tel. | +36 13014419 |
| Faks | +36 13014808 |
| Posta Elettronika: | zobore@fvm.hu |

2. **Grupp:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Magyarországi Hagymatermesztők, Feldolgozók, Forgalmazók Szakmaközi Szervezete, Szövetsége és Terméktanácsa |
| Indirizz: | 6900 Makó<br>Návay Lajos tér 5-7.<br>MAGYARORSZÁG |
| Tel. | +36 62/212865, +36 62/213676 |
| Faks | +36 62/213676, +36 62/212865 |
| Posta Elettronika: | hagymatanacs@vnet.hu |
| Il-kompożizzjoni: | Il-produtturi/il-proċessuri ( X ) Oħrajn ( X ) |

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

3. **It-tip ta' prodott:**

Klassi 1.6 — Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

4. **L-ispeċifikazzjoni:**

(Sommarju tal-ħtiġijiet skont l-artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. *Isem*

"Makói vöröshagyma" jew "Makói hagyma"

4.2. *Deskrizzjoni*

Il-"Makói vöröshagyma" jew il-"Makói hagyma" (Allium cepa L.) tifforma parti mill-familja Alliaceae, li adattat ruħha sew għall-kundizzjonijiet lokali tar-reġjun ta' Makó. Il-karatteristiċi tipiċi tal-"Makói vöröshagyma" jew tal-"Makói hagyma" attribwiti għall-ambjent ġeografiku huma l-kontenut għoli tal-materjal xott, it-togħma qawwija u li jdumu ma jiskadu. Jistgħu jintużaw biss l-pjanti tal-kultivazzjoni l-"Makói CR" (li tirreżisti għall-klima), is-"Csanád" u l-"Makói Bronz".

Il-basla għandha għamla sferika, daqsxejn imtawwla matul l-assi lonġitudinali; għandha dijametru ta' 35-80 mm. ħamra tagħti fil-bronż, tleqq, bil-qoxra magħluqa, bit-tonok (qxur tal-basal) sodi esterni li għandhom ħafna saffi jipproteġu kompletament it-tonok interni. Soda, mlaħħma, kulur abjad tal-għadam. It-teknoloġija tal-produzzjoni tipika tar-reġjun ta' Makó u t-temp niexef fl-aħħar tas-sajf jirriżultaw f'kontenut għoli ta' materjal xott 'il fuq minn 16 %, li huwa sew 'il fuq mill-medja. Tista' tinħażen għal żmien twil, iddum ma tinbet u żżomm il-valuri tal-kontenut tagħha matul ix-xitwa kollha. Il-kontenut baxx tal-ilma tagħha jgħin kontra d-deterjorazzjoni. It-togħma qawwija u pikkanti tipika tagħha hija riżultat tal-kontenut għoli tal-allil sulfid (allyl sulphide) tagħha.

4.3. *Iż-żona ġeografika*

Id-denominazzjoni tal-oriġini "Makói vöröshagyma" jew "Makói hagyma" tista' tkun applikata biss lill-basal li joriġina fir-reġjun tal-produzzjoni, li jinkudi ż-żoni amministrattivi tal-irħula ż-żgħar elenkati hawn taħt, li l-fruntieri tagħhom jibqgħu deħlien fuq iż-żewġ kontei ta' Csongrád u Békés li huma biswit.

L-irħula ż-żgħar li jappartjenu għar-reġjun:

- Il-kontea ta' Csongrád: Makó, Királyhegyes, Apátfalva, Kövegy, Pitvaros, Magyarcsanád, Csanádpalota, Csanádalberti, Ambrózfalva, Nagyér, Földeák, Maroslele, Klárafalva, Ferencszállás, Kiszombor, Nagylak
- Il-kontea ta' Békés: Tótkomlós, Békéssámson.

4.4. *Il-prova tal-oriġini*

Id-denominazzjoni tal-oriġini "Makói vöröshagyma" jew "Makói hagyma" tista' tkun użata biss mill-basal li l-produzzjoni u t-traċċabilità tiegħu hija dokumentata fir-Reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti awtentikati mill-Hagyma Terméktanács (Il-Bord tal-Prodotti tal-Basal).

Ir-Reġistru tal-Bexx (Spraying Log), li huwa aġġornat skont ir-rekwiżiti, huwa parti indispensabbli mir-Reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti.

Hekk kif il-produttur jew id-distributur jibda l-ħidma tiegħu, il-Hagyma Terméktanács tikkontrolla il-proċess teknoloġiku tal-produzzjoni kollu, u jekk ir-rekwiżiti jkunu sodisfatti, il-prodott jingħata t-tiketta "Hagyma Terméktanács által ellenőrzött minőség" ("Approvazzjoni tal-kwalità mill-Bord tal-Prodotti tal-Basal") mill-Bord tal-Prodotti.

Il-Bord tal-Prodotti jgħin bl-ispezzjoni sabiex jara li qed jimxu mar-regolamenti tal-indikazzjoni ġeografika u tal-użu legali tad-dominazzjonijiet tal-oriġini.

4.5. *Il-metodu tal-produzzjoni*

Metodu ta' produzzjoni li jdum sentejn:

Fil-każ tal-metodu ta' produzzjoni li jdum sentejn, miż-żerriegħa ċkejkna tal-fjuri (magħrufa bħala ż-żerriegħa s-sewda) il-basal iż-żgħir, magħrufa bħala s-settijiet tal-basal, li huma prodotti billi jkunu miżrugħa fil-qrib, iservu bħala l-materjal bażiku (il-materjal tal-propagazzjoni) sabiex jipproduċu basal tal-ikel żviluppat, fis-sena ta' wara.

Għall-iskopijiet tal-produzzjoni tas-settijiet tal-basal, hija addatata l-ħamrija ċatta, bejn iebsa u mhix, li titfarrak, ħamrija maħlula b'kontenut għoli ta' ħumus u nutrijenti u bil-pH newtrali (dawn huma magħrufa bħala l-kundizzjonjiet tal-ħamrija Makó).

Fil-każ tan-newba tal-uċuħ tar-raba', wieħed mill-prirekwiżiti huwa li l-basal ma jerġax ikun miżrugħ fi żmien ħames snin.

Il-produzzjoni tas-sett tal-basal:

Preparazzjoni tal-ħamrija: ħart fil-fond matul il-ħarifa, f'Ottubru tas-sena ta' qabel, li jispiċċa fir-rebbiegħa. Iż-żrigħ isir fis-sodda taż-żera' li għandha wiċċ lixx bil-ħamrija maħruta fina fl-aħħar ta' Frar, bidu ta' Marzu, f'radda waħda (20ċm spazju) jew żewġ raded (5-30ċm spazju), b'100-120kg/ettaru ta' żerriegħa (25-28 miljun żerriegħa/ettaru), f'fond ta' 3-3.5ċm. Iz-zokk niexef jitneħħa mis-settijiet tal-basal, li jkunu saru sa' nofs Awwissu. Wara jkun hemm il-ġbir, it-tneħħija tal-ħamrija, isiru iżjed, it-trasportazzjoni u l-klassifikazzjoni skont il-qies.

Is-settijiet tal-basal ikklassifikati jridu jkunu maħżuna f'borża tad-drapp wiesa matul il-ħarifa, u l-proċedura speċjali tal-produzzjoni tal-Makó tibda bit-trattament tas-sħana f'Novembru. It-trattament tas-sħana fil-fatt iwaqqaf il-formazzjoni taż-żahar tal-fjuri u b'hekk l-iżvilupp taz-zokk taż-żerriegħa fit-tieni sena, li jispiċċa biex jagħmel ir-ras tal-basla bla valur. Matul it-trattament tas-sħana, is-settijiet tal-basal jissaħħan bil-mod matul 12-il jum mit-temperatura tal-ħżin ta' 3-5°C sa' 30-32°C u, skont il-qies, jinżamm f'din it-temperatura bejn 30-60 jum (matul dan iż-żmien jissaħnu sa 32-35°C għal 10 tijiem) u mbagħad jitkessħu bil-mod għal 10-14°C għat-tħawwil.

Il-produzzjoni tal-basal tal-ikel:

Fil-produzzjoni tal-"Makói vöröshagyma" jew il-"Makói hagyma", il-basla tal-mejda (il-basla li tittiekel) hija prodotta fit-tieni sena. Fir-rebbiegħa, is-settijiet tal-basal, li kienu imneħħija mill-installazzjoni tat-trattament tas-sħana, jitnaddfu, iż-żerriegħa tingħata trattament kontra l-insetti u l-annimali li jagħmlu l-ħsara, imbagħad tinżera' fil-ħamrija li tkun qed tisħon bil-mod sa' nofs April. Ir-rekwiżiti tal-ħamrija u n-newba tal-uċuħ tar-raba' huma l-istess bħal tas-settijiet tal-basal. Skont il-kwantità, jinżeraw 15-25 f'kull metru tul, f'fond ta' 3-5ċm.

Huwa importanti li l-basal ikollhom ammont xieraq ta' nutrijenti u li jitneħħa l-ħaxix ħażin, kif ukoll li tkun żgurata l-protezzjoni integrata tal-pjanta ddokumentata kif jixraq fir-Reġistru tal-Bexx. Il-ġbir isir fit-tieni nofs t'Awwissu (il-ġbir, it-tnixxif fit-twieqi, it-tagħbija, u t-twassil fid-destinazzjoni), wara liema l-basal jinħażen jew jintbagħat fis-suq.

Il-metodu tal-produzzjoni ta' sena (biż-żriegħ taż-żerriegħa):

Fil-metodu ta' sena waħda, il-produzzjoni tibda f'Marzu billi jinżergħu 5-7kg/ettaru ta' żerriegħa (900 elf — 1,1 miljun żerriegħa/ettaru) tal-"basal li għandhom sena" bil-propagazzjoni tal-użu tal-istokk ġenetiku tas-settijiet tal-basal tal-"Makói vöröshagyma" jew il-"Makói hagyma".

Fil-perjodu ta' propagazzjoni, l-operazzjonijiet tal-produzzjoni u l-ġbir huma l-istess bħal basal li jitkabbar mis-settijiet tal-basal, imma l-istaġun tal-propagazzjoni huwa itwal, il-ġbir isir f'nofs Settembru u din it-tip ta' produzzjoni hija assikurata biss fil-kundizzjonijiet tar-raba' tas-saqwi.

Il-basal miġbur irid jinħażen f'post frisk, niexef u b'ventilazzjoni tajba, għax jistgħu jinħażnu għal iktar fit-tul mill-pjanti tal-kultivazzjoni l-oħra taħt kundizzjonijiet bħal dawn mingħajr tnaqqis sinifikanti fil-kwalità sa' April-Mejju ta' wara.

Il-"Makói vöröshagyma" jew il-"Makói hagyma" huma kklassifikati, ippakjati u ttikettjati mill-produttur jew f'postijiet oħra taħt is-superviżjoni diretta tal-produttur jew tar-rappreżentant tal-produttur fiż-żona ġeografika definita f'boroż tax-xibka ta' 0.5, 1, 2, 5, 10 jew 15kg jew bil-massa f'kaxex ta' 15, 20, 25 jew 50kg jew f'pakketti ta' 3, 5 jew 10 basliet Madankollu, ammonti oħra jew tipi oħra ta' pakketti huma wkoll possibli. Il-prodott jista' jerġa' jiġi ppakjat barra miż-żona ġeografika definita.

4.6. *Ir-rabta*

Il-fatturi naturali:

Il-basla, li hija ta' orġini tal-Asja Ċentrali, adattat għall-kundizzjonijiet tar-reġjun ta' Makó b'mod tajjeb ħafna. Il-ħamrija tar-reġjun iffurmat mid-depożiti li jirriżultaw mill-tibdil fil-qieħ tax-xmara Maros; il-loess u l-ħamrija alluvjali għandhom kontenut għoli ta' nutrijenti. Huma rikki fi traċċi minerali, għandhom densità medja, jitfarrku, b'wiċċ ċatt u jżommu l-ilma u l-arja b'mod tajjeb, karatteristiċi li għandhom impatt favorevoli fuq il-kwalità tal-basla.

Il-fattur tal-klima l-iżjed karatteristiku tar-reġjun ta' Makó huwa s-sajf niexef u sħun. Fil-perjodu ta' propagazzjoni hemm ħafna xemx (2,100 siegħa ta' xemx kull sena), b'temperaturi għoljin fit-tul. (30 jum sħun, bit-temperatura medja 18.13,340C), u l-effett kumbinat ta' dawn il-karatteristiċi (85-90 jum tas-sajf) jirriżultaw fl-iżvilupp tal-valuri tal-kontenut favorevoli tal-"Makói vöröshagyma" jew il-"Makói hagyma". L-iżvilupp tal-"Makói vöröshagyma" jew l-"Makói hagyma" tal-ġurnata t-twila għandu bżonn 15-il siegħa ta' dawl kuljum, liema kundizzjoni hija sodisfatta bil-fatturi tal-klima karatteristiċi tar-reġjun ta' Makó kif spjegat hawn fuq. Il-formazzjoni tar-ras tal-basla iddum iżjed fit-temp sħun, niexef u ta' preċipitazzjoni baxxa ta' Lulju-Awissu. Il-weraq u l-għeruq jinxfu, il-valuri tal-kontenut isiru iżjed rikki, u l-kontenut tal-materjal niexef jiżdied, il-weraq ta' barra tar-ras tal-basla jirqaqu, u jiżviluppaw il-qoxra magħluqa u iebsa ("l-armatura") u l-kulur aħmar fil-bronż.

Grazzi għall-kontenut għoli ta' materjal niexef u l-ħafna saffi, magħluqa u b'saħħithom tal-qoxra (magħluqa sew madwar l-"għonq") il-"Makói vöröshagyma" jew il-"Makói hagyma" tista' tinħażen għal żmien twil.

Il-fatturi umani:

Il-basal ilu jiġu prodott fir-reġjun ta' Makó għal ħafna sekli. Wara t-tmexxija Torka, il-kampanja reġgħet qagħdet u l-popolazzjoni kibret malajr, li wasslet għall-qsim tal-art disponibbli f'qatgħat żgħar u l-bidu tal-iskarsezza tal-art. F'nofs id-19-il seklu, tliet kwarti tal-popolazzjoni kienet tikkonsisti fi bdiewa raħħala kerrejja, li bilfors kellhom jipproduċu kulturi ta' pjanti intensivi fl-għelieqi żgħar tagħhom. Għal dan il-għan, il-basla kienet magħżula, li l-qoxra u r-ras tagħha ilhom jiġu użati fil-mediċina tradizzjonali għal sekli sħaħ.

Il-produtturi tal-basla Makó ħadu vantaġġ tal-ġeografija u t-tkabbir favorevoli fis-suq fl-aħħar tas-seklu li għadda u żviluppaw pjanti reġjonali tal-kultivazzjoni ta' kwalità għolja b'xogħol iebes, kura, għażla individwali u ħamrija ta' kwalità għolja. Sabiex jiksbu dan, huma żviluppaw teknoloġija unika ddisinjata speċifikament għall-bijoloġija tal-basla u r-reġjun li jinsabu fih (il-metodu ta' produzzjoni ta' sentejn). Il-bejgħ lis-swieq li jinsabu l-bogħod huwa tipiku fl-ispirtu intraprenditorjali tal-bdiewa lokali tal-basal u l-ħerqa tagħhom li jieħdu r-riskji.

Il-produtturi lokali tal-basal kienu kapaċi joqgħodu fuq il-kultura li nibtet bejniethom tal-basal sabiex jaħarbu l-pressjoni biex jemigraw kif qaleb is-seklu. Huma ħolqu reputazzjoni veru sogħda u permanenti għal din il-basla, li t-tjubija tagħha ġa kienet magħrufa fil-Concours International des Sciences et de l'Industrie fi Brussell fl-1888 u kompliet issir aktar magħrufa matul is-snin. L-esperjenza fil-kultivazzjoni li għaddiet minn ġenerazzjoni għall-oħra tiggarantixxi l-produzzjoni tal-basal fil-futur fir-reġjun.

L-evidenza bil-miktub dwar il-kultivazzjoni tal-basal tista' tkun intraċċata sa deskrizzjoni ta' Miklós Szirbik fl-1835, u li warajha ġew il-kotba ta' Imre Palugyai u János Reizman. Il-produtturi tal-basal tar-reġjun — il-produtturi Makó tal-basla — kellhom magazin ta' kull ġimgħa, li kien jismu "il-Ġardinar tal-Basal", ftit wara li qaleb is-seklu. Fis-snin tal-1930 Ferenc Erdei għamel ħafna għall-basla li tikber fir-reġjun ta' Makó u għall-produtturi tal-basal.

4.7. *Il-korp tal-ispezzjoni*

Mezőgazdasági Szakigazgatási Hivatal, bħala l-korp nominat tal-ispezzjoni għall-frott u l-ħaxix

| | |
|---|---|
| Isem: | Csongrád Megyei Mezőgazdasági Szakigazgatási Hivatal Növény- és Talajvédelmi Igazgatóság |
| Indirizz: | 6800 Hódmezővásárhely<br>Rárósi út 110.<br>MAGYARORSZÁG |
| Tel. | +36 62/535741 |
| Faks | +36 62/246036 |
| Posta Elettronika: | Hodi.Laszlo@csongrad.ontsz.hu |

| | |
|---|---|
| Isem: | Békés Megyei Mezőgazdasági Szakigazgatási Hivatal, Növény- és Talajvédelmi Igazgatóság |
| Indirizz: | 5602 Békéscsaba<br>Szarvasi út 79/1.<br>MAGYARORSZÁG |
| Tel. | +36 66/529-257 |
| Faks | +36 66/529-265 |
| Posta Elettronika: | Mike.Zsolt@bekes.ontsz.hu |

4.8. *It-tikettar*

Barra mill-kontenut speċifikat bir-regolamenti legali, id-denominazzjoni tal-oriġini protetta “Makói vöröshagyma” jew “Makói hagyma”, kif ukoll (wara li tidħol fir-reġistru tal-Komunità) il-logo tal-Komunità, iridu jkunu indikati fuq il-pakkett tal-prodott.

Jekk ikunu approvati abbażi ta’ kontroll intern magħmul mill-Bord tal-Prodotti tal-Basal, “Hagyma Terméktanács által ellenőrzött minőség” (“Il-kwalità approvata mill-Bord tal-Prodotti tal-Basal”) tista’ tkun indikata fuq il-pakkett tal-prodott.

## RETTIFIKAZZJONIJIET

### Rettifika għal-lista ta' ilmijiet minerali naturali rikonoxxuti mill-Istati Membri

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 54 tas-7 ta' Marzu 2009)*

(2009/C 70/10)

fuq paġna 72, il-lista għandha taqra kif ġej:

*minflok:*

| "Deskrizzjoni tal-bejgħ | Isem tas-sors | Post tal-utilizzazzjoni |
|---|---|---|
| Icelandic spring | Jadar spring area | Reykjavík" |

*aqra:*

| "Deskrizzjoni tal-bejgħ | Isem tas-sors | Post tal-utilizzazzjoni |
|---|---|---|
| Icelandic Glacial | Ölfus Spring | Hlíðarendi, Ölfus, Selfoss" |